*ARTIKOLI 3, 5, 6(1) U 8(1) TAL-KONVENZJONI EWROPEA*

*ARTIKOLU 17 TAL-KAP 319*

*ARTIKOLI 38 TAL-KOSTITUZZJONI*

*KAPITOLU 4 TAL-KOSTITUZZJONI - ID DRITT GHALL-PROTEZZJONI TAL-LIGI*

*KAPITOLU 4 TAL-KOSTITUZZJONI - ID-DRITT GHAD-DINJITA` TAL-PERSUNA*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2018**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 86/2013/LSO**

**Charles Paul Muscat**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors dwar Drittijiet Fondamentali ta' Charles Paul Muscat (4583G) datata 4 ta' Novembru 2013 fejn espona: -

Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fi stadju tal-Istruttorja hemm pendenti proceduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone) vs. Charles Paul Muscat."

Illi f' dan il-kaz gew ivvjolati d-drittijiet fondamentali ta' l-imputat Charles Paul Muscat.

Illi l-fatti fil-qosor huma li tliet membri tal-Korp tal-Pulizija, PS 715 Lucian Gatt, PC 138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia, sgassaw il-bieb tad-dar tieghu, ghamlu hsara volontarja, ikkommettew vjolazzjoni tad-dar privata fejn joqghod Charles Paul Muscat, u dahlu fuqu fid-dlam armati b'*revolvers* u *torchlights* waqt li kien rieqed. Avolja ma offra l-ebda rezistenza, huma aggredewh, rassewh ma' l-art, habbtulu rasu diversi drabi, u ppuntawlu *revolver*, heddewh, offendewh u zebilhuh, tawh daqqa kbira fuq ghajnu, ikkawzawlu offizi fuq il-persuna u fethulu saqajh sal-punt li jweggghuh, ikkommettew ir-reat specifiku kontemplat fl-Artikolu 139A tal-Kodici Kriminali, u, wara dan l-incident ikrah ta' terrur, huwa kellu jigi rikoverat l-Isptar, kemm minhabba l-griehi kif ukoll minhabba t-trawma psikologika.

Illi l-esponent ghandu rapporti medici li juru l-istat tieghu wara din l-esperjenza trawmatika.

Illi t-tliet membri tal-Korp tal-Pulizija gidbu fuqu u xehdu l-falz fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu u qalu li hu

baqa' sejjer u pprova jsuq ghal fuqhom meta huma ppruvaw iwaqqfuh f' *roadblock*, meta dan ma kienx minnu.

Illi dawn it-tliet membri tal-Korp tal-Pulizija. PS 715 Lucian Gatt, PC 138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia, ivvjolaw id-drittijiet fondamentali tieghu, fosthom:

1) id-dritt ghall-harsien kontra trattament inuman jew degradanti (Art. 3 Kap. 319);

2) id-dritt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja (Art. 5 Kap. 319);

3) id-dritt ghall-intimita` tad-dar (Art. 38 tal-Kostiruzzjoni);

4) id-dritt ghall-hajja privata (Art. 8(1) tal-Kap. 319);

5) id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

6) id-dritt ghad-dinjita` tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

7) id-dritt ghal smigh xieraq (Arr. 6(1) tal-Kap. 319);

8) id-dritt ghall-harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art.17 tal-Kap.319).

Illi granet qabel ma tressaq il-Qorti l-imputat, il-konsulent legali tieghu kien baghat *e-mail* kunfidenzjali lill-Kummissarju tal-Pulizija, li giet esibita fl-atti, li maghha giet

mehmuza narrativa mhejjija mill-imputat dwar il-fatti kif sehhew. Dina n-narrativa giet mibghuta lill-Kummissarju kunfidenzjalment flimkien mal-*e-mail* in kwistjoni sabiex huwa jkun jaf dwar is-swat brutali li sehh. Izda l-Kummissarju tal-Pulizija ghadda l-imsemmija narrativa lill-Ispettur tal-Pulizija ta' Ghawdex, u l-Ispettur ghaddiha lit-tliet membri tal-Korp tal-Pulizrla li kienu sawtu brutalment lill-imputat. Meta l-imputat kien qed jigi interrogat mhux fil-prezenza ta' avukat, l-imputat gie sottopost ghal numru ta' konfronti, u kull wiehed mill-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija gie f'konfront mieghu. Din is-sessjoni deliberatament ma gietx irregistrata (*recorded*) jew mehuda b'xi wiehed mill-mezzi possibbli llum sabiex tkun tista' tigi murija f'qorti. Illi dakinhar li saret sessjoni fil-prezenza ta' membri tal-*Human Resources* tal-Korp tal-Pulizija, mhux fil-prezenza ta' avukat, hadd mill-pulizija ma beda jaqbel wiehed ma' l-iehor u l-esponent kull darba beda jghidilhom li m'humiex jaqblu bejniethom, dakinhar. Izda minn dakinhar 'l hawn, fejn ma qablux bejniethom irrangaw il-verzjonijiet ghall-perfezzjoni.

Illi ghalhekk huma gew infurmati minn qabel fuq l-eventwali verzjoni tal-imputat u setghu - kif effettivament ghamlu - ippjanaw u mmodifikaw ix-xiehda fabbrikata taghhom bil-ghan li jippruvaw ikissru l-verzjoni veritjiera tal-imputat. Tant hu hekk illi fix-xiehda taghhom in kontro-ezami stqarrew li kienu nghataw biex jaqraw dak li kiteb l-imputat dakinhar li gew ikkonfrontati mieghu. Illi konsegwentement, ix-xiehda moghtija mit-tliet membri tal-Korp tal-pulizija hija vvizzjata.

Illi b'hekk (7) l-esponent lanqas jista' jkollu smigh xieraq u effettivament gie vvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq (Artikolu 6(1) tal-Kap 319 u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni) billi l-akkuzi migjuba kontra tieghu huma fabbrikati u billi x-xiehda moghtija kontra tieghu hija montatura. *Inoltre*, it-taghrif bil-miktub li gie mghoddi lill-Kummissarju tal-Pulizija nghata f'idejn ix-xhieda kontra l-esponent u b'hekk dawn setghu jibnu x-xiehda eventwali taghhom kontra tieghu.

Illi huwa fatt inkontestabbli illi l-kaz tal-Prosekuzzjoni ghandu jkun mibni fuq provi li l-gudikant ikun jista' jistrieh fuqhom u mhux fuq provi li huma miksuba illegalment, fabbrikati mill-Pulizija u ghalhekk lezivi tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq garantit mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319).

Illi t-talba maghmula minnu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja biex *ai termini* ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tibaghat il-kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex tigi deciza minnha giet iddikjarata bhala frivola u vessatorja. Ir-rikorrent qed jannetti kopja tar-rikors tieghu, kopja tat-trattazzjoni orali u kopja tad-digriet tad-29 ta' Ottubru 2013.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq ta' l-imsemmija drittijiet fondamentali, u

1. Tiddikjara illi l-agir ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija illeda u qed jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, u cioe`: -

1) id-dritt ghall-harsien kontra trattament inuman jew degradanti (Art. 3 Kap. 319);

2) id-dtitt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja (Art. 5 Kap. 319);

3) id-dritt ghall-intimita` tad-dar (Art. 38 tal-Kostituzzjoni);

4) id-dritt ghall-hajja privata (art.8(1) tal-Kap. 319);

5) id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

6) id-dritt ghad-dinjita` tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostitutzzjoni);

7) id-dritt ghal smigh xieraq (Art. 6(1) tal-Kap. 319);

8) id-dritt ghall-harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art. 17 tal-Kap.319).

2. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent ghall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 f' 12:30p.m. u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-intimat b' ghaxart ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 21 ta' Novembru 2013 (fol 41) fejn espona : -

1. Illi *in linea* preliminari, l-allegazzjonijiet u t-talbiet li qegħdin isiru mir-rikorrent huma frivoli u vessatorji u jabbużaw minn din il-proċedura straordinarja kostituzzjonali in kwantu huwa manifest li dawn il-proċeduri huma intiżi biss sabiex jostakolaw jew jimminaw il-ġbir tal-provi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja liema Qorti diġa ddeċidiet illi '*t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mill-imputat hija frivola u vessatorja u konsegwentement mhux il-każ li ssir r-riferenza rikjesta'.*[1] Bir-rispett kollu, huwa f'idejn l-Onorabbli Qorti ta' kompetenza kriminali li tiddeċiedi dwar il-ġbir ta' provi li huwa permissibbli skont il-liġi u li tgħarbel il-provi mressqa quddiemha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar il-ħtija *o meno*, u huwa inawdit li r-rikorrent jipprova jiċċensura l-ġbir tal-provi għaliex skont hu, u skont hu biss, allegatament tali xhieda hija '*fabbrikata'*;

2. Illi dejjem *in linea* preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija l-umli fehma ta' l-esponent li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu r-rikorrent kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih qabel ma

[1] Digriet datat 29 ta' Ottubru 2013

ntavola il-proċeduri odjerni, fosthom kwerela jew '*challange proceedings'* a tenur tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9). Rigward l-allegat arrest illegali, ma jirriżultax li r-rikorrent irrikorra għar-rimedju tal-*habeas corpus ai termini* tal-artikolu 137 u 409A tal-Kap. 9;

3. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet, fosthom is-segwenti li qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent fis-sens illi ġew leżi d-drittijiet tiegħu għall-ħarsien kontra trattament inuman jew degradanti hija manifestament infondata. Effettivament, kien ir-rikorrent li attakka u għamel reżistenza bi vjolenza kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Reuben Farrugia waqt li dawn l-uffiċjali pubbliċi kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi kif jirriżulta mill-akkużi fil-konfront tal-istess rikorrent bin-numru 54/2013 (NC) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja, u mhux il-kontra kif allegat minnu;

5. Illi dwar l-allegat arrest u detenzjoni arbitrarja, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni li għalih għamel referenza r-rikorrent jipprovdi elenku ta' eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta' tiegħu fosthom meta jkun hemm suspett raġonevoli li dik il-persuna tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat b'dan illi fiċ-

ċirkostanzi in diżamina ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt għall-ħarsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja kif allegat mir-rikorrent;

6. Illi kull allegat ksur tad-dritt għall-intimita` tad-dar, tad-dritt għall-ħajja privata u tad-dritt għall-protezzjoni tal-liġi huma ukoll manifestament infondati u vessatorji. Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li tressaq kull persuna akkużata quddiem l-awtorita' ġudizzjarja. Il-qadi ta' dan id-dmir ma jista' qatt iwassal għall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent;

7. Illi dwar l-allegat ksur għad-dritt għad-dinjita` tal-persuna, allegatment a tenur tal-Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni, ma jirriżultax li xi wieħed mill-artikoli tal-imsemmi kapitolu tal-Kostituzzjoni espliċitament jirreferi għal tali dritt. Mingħajr preġudizzju għal dan, ir-rikorrent fl-ebda waqt ma ġie mċaħħad mid-dinjita` tiegħu;

8. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li l-akkużi huma '*fabbrikati'* u li '*x-xhieda mogħtija kontra tiegħu hija montatura'* hija biss allegazzjoni tar-rikorrent u xejn aktar, liema allegazzjonijiet qegħdin jiġu kategorikament miċħuda. Effettivment, l-akkużi kontra r-rikorrent tal-24 ta' Mejju 2013 u l-provi li inġabru li għad iridu jinġabru fil-kumpilazzjoni tax-xhieda Quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja huma skont il-liġi u ma jilledu l-ebda dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq kif allegat minnu. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-esponent umilment jissottometti li l-artikolu tal-Konvenzjoni

ċitat mir-rikorrent jipprovdi illi kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi u li s-sentenza għandha tingħata pubblikament. Bir-rispett dovut, isegwi għalhekk illi *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument li l-akkużi huma '*fabbrikati'* u li '*x-xhieda mogħtija kontra tiegħu hija montatura'* kif allegat mir-rikorrent, dan ma jista' qatt iwassal għal ksur ta' dan id-dritt. *Se mai*, huwa r-rikorrent stess illi qiegħed imur kontra d-dettami tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni in kwantu qiegħed jittenta josta lill-Qorti ta' kompetenza kriminali milli tisma' l-provi u tiddeċiedi l-każ skont il-liġi;

9. Illi kull allegazzjoni li ġie leż id-dritt tar-rikorrent għall-ħarsien minn abbuż ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem, hija ukoll manifestament infondata u insostenibbli;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 15 ta' Mejju 2014 a fol 72 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Charles Paul Muscat datata 19 ta' Mejju 2014 a fol 93 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tar-rikorrent Charles Paul Muscat ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 16 ta' Gunju 2014 a fol 142 *et seq* tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta' Gunju 2014 a fol 161 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-ewwel (1) ta' Lulju 2014 (fol 173) fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti prezenti u Dr Sarah Portelli ghall-intimat. Dr Portelli ddikjarat li ma ghandhiex x'izzid man-nota ta' osservazzjonijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tar-rikors promutur. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Tonio Azzopardi, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-eccezzjoni preliminari estensivament. Dr Tonio Azzopardi ghar-rikorrent talab li *ai fini* tas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari, it-talba ghall-'interim measure' qieghda tigi sospiza bla pregudizzju ghall-possibbilta` li terga' tinfetah jekk ikun il-kaz fi stadju ulterjuri. Il-Qorti halliet ir-rikors ghal digriet fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ghat-30 ta' Settembru 2014; u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru 2014 (fol 174) fejn inghatat sentenza *in parte* fejn il-Qorti ddecediet :

*"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti,* ***taqta' u tiddeciedi****, billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Intimat,* ***tichad*** *ukoll it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat u qed tirrifjuta l-istedina tal-istess intimat biex ma tezercitax id-diskrezzjoni kostituzzjonali*

*taghha.* ***Ghaldaqstant tordna li l-kaz ikompli fuq il-mertu.”***

Ir-rikors gie differit ghall-provi tar-rikorrent ghall-11 ta’ Novembru 2014 f’ 11:20a.m.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Charles Paul Muscat datata 22 ta’ Dicembru 2017 a fol 680 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija prezentata *seduta stante* fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2018 a fol 699 *et seq* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tal-Hamis, 26 ta' April 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Tonio Azzopardi. Deher Dr Maurizio Cordina ghall-intimati. Dr Tonio Azzopardi ta ruhu b'notifikat bir-rikors tal-intimat tat-23 ta' April 2018. Dr Azzopardi rrileva li l-kawza giet appellata mill-Qorti tal-Magistrati. Il-partijiet kellhom fil-mori jesebixxu vera kopja tar-rikors u r-risposta tal-Appell. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Tonio Azzopardi u Dr Maurizio Cordina, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' rikors ipprezentat fl-4 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent qed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet tieghu kif elenkati fir-rikors u cioe`, id-dritt ghall-harsien kontra trattament inuman jew degradanti (Art. 3 Kap. 319); id-dritt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja (Art. 5 Kap. 319); id-dritt ghall-intimita` tad-dar (Art. 38 tal-Kostituzzjoni); id-dritt ghall-hajja privata (Art.8(1) tal-Kap. 319); id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni); id-dritt ghad-dinjita` tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni); id-dritt ghal smigh xieraq (Art. 6(1) tal-Kap. 319); u d-dritt ghall-harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art. 17 tal-Kap.319). Bhala rimedju qed jitlob il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet li ssubixxa.

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat gew decizi b'sentenza *in parte* ta' din il-Qorti moghtija fit-30 ta' Settembru 2014 (fol 174 *et seq*) fejn gew michuda.

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija fir-Risposta tieghu a fol 41 tal-process eccepixxa fil-mertu li l-allegazzjonijiet huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet minnu esposti fosthom li r-rikorrent kien attakka u offra rezistenza bi vjolenza kontra l-persuna tal-Pulizija minnu indikati waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi, u li essenzjalment, li l-Pulizija kienu qed jagixxu fil-qadi ta' dmirijiethom. Konsegwentement l-agir taghhom ma jistax jitqies lesiv skont l-artikoli ccitati. Irribatta wkoll li l-Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Inoltre cahad l-allegazzjoni li l-akkuzi mressqa kontra r-rikorrent kienu fabbrikati u li x-xhieda moghtija kontrih hija *montatura.* Anke jekk, *dato ma non concesso*, dan hu veru, ma twassalx ghall-ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq kif protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

**Fatti fil-Qosor**

Ir-rikorrenti huwa persuna maghrufa mal-pulizija billi huwa kien jiffirma fl-Ghassa pendenti akkuzi kontrih rigward reati ohra. F'dawk il-proceduri kriminali kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom ordni ta` rinkazar li tirrikjedi li r-rikorrenti kellu jkun id-dar wara nofs il-lejl.[2]

L-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri sehh fl-inhawi ta' Marsalforn, Ghawdex, fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 u spicca gewwa l-appartament, residenza tar-rikorrent, gewwa x-Xlendi, Ghawdex.

Dwar x'sehh f'dak il-lejl hemm zewg verzjonijiet kontrastanti.

Skont il-verzjoni tal-Intimat tliet membri tal-korp tal-Pulizija cioe` PS715 Lucian Gatt, PC870 Ruben Farrugia u PC138 Joseph Portelli, waqt li kienu *patrol,* fil-lejl imsemmi, gharrfu l-vettura ta' Charles Paul Muscat barra l-appartament ta' certu Edward Mercieca f'Marsalforn, maghruf bhala Leli il-Malti, li huwa ukoll persuna li kien

[2] Ordni tal-Magistrati (Ghawdex) tat-8 ta ' Frar 2011 mahruga mill-Magstrat Dr Edwina Grima.

maghruf ghalihom. Imbaghad komplew bil-*patrol* u ghall-habta tas-siegha ta' filghodu waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Manwel Magro, f'Marsalforn gew wicc imb'wicc mal-vettura misjuqa minn Charles Paul Muscat. Jghidu li minflok waqaf, saq ghal fuq PC 870 Ruben Farrugia li kien nizel fit-triq. Tkompla l-insegwiment fejn jghidu li saq b'velocita` eccessiva u anke saq sbrixx ghal fuqhom, u anke f'direzzjoni kontra sinjal tat-triq *one way*. F'xi hin minnhom tilfuh u marru dritt ix-Xlendi fejn sabu l-vettura tieghu pparkjata hdejn l-appartament, residenza tieghu.

Hemmhekk wara li habbtu fuq il-bieb t'isfel, faqqghu l-pannewwa t'isfel ta' dan il-bieb u, wara li vverifikaw mal-Ghassa f'liema appartament kien qed joqghod, habbtu fuq il-bieb u sejhulu, izda ma fetahx. Sgassaw il-bieb u dahlu fuqu fid-dlam. Sabuh bil-qalziet ta' taht. Skont il-verzjoni taghhom huwa rrezista l-arrest u mmannettjawh u arrestawh. Haduh ghall-*breathalyzer* u sussegwentement haduh il-*lock up* tal-Ghassa tal-Pulizija f'Victoria Ghawdex fejn ma kellux griehi fuqu ghajr ghal xi girfa fuq daru.

Skont il-Pulizija l-azzjoni ta' sgass u *forced entry* kienet wahda legali, gustifikata minhabba ksur tal-kondizzjoni tal-helsien mill-arrest u minhabba li l-agir tar-rikorrent waqt l-insegwiment dahhlet fihom suspett ragjonevoli li kkommetta reat jew kellu fil-pussess tieghu xi oggett illecitu. Waqt din l-operazzjoni kellhom juzaw il-forza biex jimmannettjawh.

Il-verzjoni tar-rikorrent huwa diametrikalment oppost ghal dak sostnut mill-Pulizija.[3] Jghid li fl-14 ta' April 2013 kien

---

[3] *Vide* wkoll l-i*statement* tieghu a fol 60-68 tal-process datat l-24 ta' Mejju 2013.

qed jixrob ma' huh f'Ta' Nona Bar, ix-Xlendi fl-14 ta' April 2013 u sussegwentement mar ma' habib tieghu John Sultana u marru sal-Paradiso fit-telgha tax-Xlendi. Cahad li kien mar s'ghand Edward Mercieca f'Marsalforn, jew li sahansitra kellmu bit-telefon. Qal li rritorna lura lejn id-dar ghal xi 11.30 ta' bil-lejl[4]. Tilef ic-cwievet tal-karrozza, tad-dar u l-*mobile* u meta rritorna kellu jmur ghand huh, Roderick Muscat biex jghaddilu ic-cavetta *spare* tal-appartament tieghu. Huh jghid li akkompanjah u baqa' mieghu fl-appartament sal-12.45p.m. Ghalhekk jichad li kien hu li saq il-vettura tieghu f'Marsalforn u li sahansitra, lanqas kellu l-*mobile* tieghu fuqu. Kif premess fir-rikors promotur, l-pulizija "*dahlu fuqu fid-dlam armati b'revolvers u torchlights waqt li kien rieqed. Avolja ma offra l-ebda rezistenza, huma aggredewh, rassewh ma' l-art, habbtulu rasu diversi drabi, u ppuntawlu revolver, heddewh, offendewh u zebilhuh, tawh daqqa kbira fuq ghajnu, ikkawzawlu offizi fuq il-persuna u fethulu saqajh sal-punt li jweggghuh".* Fil-kors tal-proceduri kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) xehdet Sonia Vella, il-habiba tar-rikorrent, li kienet hi li saqet il-vettura f'Marsalforn sax-Xlendi u li, inoltre, kienet haditlu c-cwievet u l-*mobile*.

Fit-30 ta' April 2013, ir-rikorrent, permezz tal-Avukat tieghu Dr. Tonio Azzopardi, baghat *e-mail* kunfidenzjali lill-Kummissarju tal-Pulizija, li dak iz-zmien kien l-Avukat Peter Paul Zammit fejn allega li kien gie msawwat mill-pulizija dakinhar li gie arrestat minn PS715, PC870 u PC138 u ddeskriva dak li gara. Din l-*e-mail* giet mibghuta lill-Ispettur

[4] *Vide* dikjarazzjoni ta' Charles Paul Muscat annessa mal-email datat it-30 ta' April 2013 mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija (fol 358-360).

Frank Tabone biex jinvestiga l-allegazzjonijiet. Mill-investigazzjoni interna, fejn kienet involuta ukoll l-*Internal Affairs Unit* tal-Pulizija (IAU), gie konkluz li ma rrizultax dak li kien qed jallega r-rikorrent.

Fl-24 ta' Marzu 2013, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja taht diversi akkuzi fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Simon Galea) (Spettur Frank Anthony Tabone) kontra Charles Paul Muscat**[5]**.** Hu kien akkuzat b'numru ta' reati talli fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' April 2014 gewwa l-inhawi ta' Marsalforn,Ghawdex ghamel diversi reati kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia waqt li kienu qed jaqdu dmirijiethom u li ma obdiex l-ordnijiet taghhom; kif ukoll b'diversi reati konnessi ma' sewqan perikoluz; u talli kiser xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu kif ukoll talli ghamel rapport falz kontra l-pulizija imsemmija.

Illi din il-kawza giet deciza b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2018. B'din is-sentenza r-rikorrent odjern instab hati tal-akkuzi talli rrezista bi vjolenza jew b'hebb kontra l-persuni tal-pulizija imsemmija, li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija; ta' diversi akkuzi konnessi mas-sewqan perikoluz; u ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu. Inoltre instab hati tal-akkuzi li jirreferu ghal diversi reati konnessi ma' akkuzi foloz kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija kif kkontemplati **fl-**

[5] **Dok PUL 1** a fol 47 sa 49 tal-process esebit mix-xhud l-Ispettur Frank Tabone fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014.

**artikolu 110 (1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**[6], talli akkuzahom b'reat meta kien jaf li kienu innocenti (l-**artikolu 101(1) tal-Kap 9)** kif ukoll talli ingurjahom bl-intenzjoni li jtellef il-gieh taghhom (**Art. 252(1)(4) tal-Kap 9)**.

Fis-sentenza taghha, l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2018 ddecidiet hekk:

*"Il-Qorti ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tlettax-il imputazzjoni minhabba li din l-akkuza ma kinitx indikata fin-Nota tal-Avukat Generali, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni kompriza mal-ewwel wahda, tar-raba' imputazzjoni bil-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni komprizi, tat-tmienja, tad-disgha, tal-ghaxar, tal-hdax u tat-tnax-il imputazzjoni migjuba kontrih u wara li rat Artikoli 17f, 31, 95, 96, 338(ee), 101(1), 110(1), 110(2), 252, 533, 579(2)(3)(4) tal-Kap 9 u Artikolu 15(1)(a), 2 u 3 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 89(1) u 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-mutur, Avviz Legali Numru 128 tas-sena 1994 hekk kif gie sussegwentament emendat (L.S.65.11) tikkundanna lill-imputat **tmintax-il xahar prigunerija u multa komplessiva ta' erbat' elef u hames mitt ewro (€4,500)."***

---

[6] "***110.*** *(1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bilmod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.*
*(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Sonia Vella u kkonkludiet li ma kienet xejn kredibbli tant li ordnat li tigi investigata dwar xhieda falza li tat f'dawk il-proceduri.

Jirrizulta li din is-sentenza giet appellata[7].

**Xhieda u Provi:**

**L-Ispettur Frank Tabone** xehed (fol 50-56)[8] u qal li Charles Paul Muscat kien b'ordni ta' rinkazar, u fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013, il-Pulizija tal-*mobile*, PS 715, PC 870 u PC 138 kienu ronda go Marsalforn Ghawdex, fejn raw lir-rikorrent ghaddej bil-vettura bin-numru ta' Registrazzjoni BON-114 meta suppost kien qieghed id-dar. Kienu jafu li din il-vettura hija registrata fuq ir-rikorrent u li dak il-hin suppost kien qieghed id-dar skont l-ordni imsemmija. Semma li l-Pulizija tal-*mobile* avvicinaw il-vettura fejn innotawh fil-vettura u ghamlulu s-sinjal biex jieqaf. Izda minflok, saq fuq il-Pulizija. Huma bdew jiffolowjawh u regghu iltaqghu mieghu xi ftit metri l-boghod f'Marsalforn stess, fejn xeghlu il-*beacon light* izda rega' ma waqafx u saq u baqa' ghaddej minn fuq ir-*road check.* Mat-triq tilfuh. Kien maghruf ghalihom u kienu jafu fejn joqghod u ghalhekk marru x-Xlendi fejn kien jirrisjedi u sabu l-vettura tieghu vojta. Habbtu mal-bieb fejn ma wegibhomx, sejhulu u ghajtu, izda baqa' ma fetahx. B'hekk ma kellhomx triq ohra hlief li jisgassaw il-bieb, minhabba li kellhom suspett ragjonevoli li r-rikorrent kien ghadu kif wettaq reat, u li kellu affarijiet illegali fil-pussess tieghu minhabba l-imgieba tieghu.

---

[7] Kopja tar-Rikors tal-Appell hija esebita a fol 782 *et seq* tal-process.
[8] Seduta tas-6 ta' Frar 2014.

Semma li mbaghad ir-rikorrent kien gie arrestat u gie nfurmat bid-dritt tieghu li jikkonsulta ma’ avukat. Kien inzamm arrestat u ittiehed il-*lock up* tal-Pulizija. Illi dakinhar apparti PS715, PC138, u PC870 l-pulizija tal-*mobile*, kienu ssejhu wkoll fuq il-post ix-Xlendi PS581, PC625, PC1053 u WPC133, Pulizija tad-Distrett.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienetx haga normali li jmorru dawn il-Pulizija kollha wiegeb li l-Pulizija minn Marsalforn kienu infurmaw l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex li kienu qed isegwu persuna u ghalhekk il-Pulizija l-ohra dahlu fix-xena billi kienu l-Pulizija tad-Distrett.

Meta kien il-*lock up* kien gie mitkellem mil-*lock up attendant* **PC1279** fil-presenza ta' PC138, PC870 u PS715. Ir-rikorrent ghazel li jinforma lil nannuh Jack - Gakkino Galea. PC1279 saqsieh jekk xtaqx xi haga jew jekk riedx jitlob xi medikazzjoni jew pilloli f'kaz li jbaghti minn xi haga u dan infurmah li le u li ma kellu bzonn xejn.

Spjega li l-ghada fil-ghodu fil-15 ta’ April 2013, kien gie l-Ghassa n-nannu tar-rikorrent u allega mieghu li l-Pulizija kienu sawtu lir-rikorrent. B’hekk, kien informa lil tal-*lock up* biex itellghu lil Charles Paul Muscat u biex anke jittiehed l-isptar biex jigi ezaminat, u kien opportun li ma jibqax arrestat. Izda hu kien gie nfurmat mis-surgent, PS 698 li Charles Paul Muscat kien irrifjuta li jmur l-isptar u minflok mar id-dar ta’ nannuh, u meta kkuntatjah sar jaf li kien sussegwentement li Muscat kien mar l-isptar ma’ nannuh u ha xi ritratti li nannuh ipprezentalu.

Kien baghat ghar-rikorrent fit-18 ta' April 2013 fejn infurmah bid-drittijiet tieghu. Qal li Muscat ried jikkuntattja lill-avukat Tonna Lowell. L-Avukat Tonna Lowell kien impenjat f'guri, izda hu beda jirrifjuta jikkonsulta ma' avukat iehor. Meta ra li ma setax jikkuntattja lill-Avukat Tonna Lowell qal li kien ma jiflahx u talab li jmur l-Isptar.

Rega' ttiehed l-isptar mill-Pulizija inzamm ghall-osservazzjoni u kien rega' gie rilaxxat. Meta kien ghadu l-isptar kien baghat *e-mail* lil Dr. Tonio Azzopardi datat it-30 ta' April 2013[9] li giet mghoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrakkonta l-verzjoni tieghu. Il-Kummissarju talab lix-xhud kif ukoll lill-Ufficjali mill-*Internal Affairs* jinvestigaw l-allegazzjoni li kien ghamel Muscat.

Saru investigazzjonjiet minnu flimkien mas-Superintendent Maria Spiteri mill-*Internal Affairs,* s-Superintendent Simon Galea, l-Ispettur Marisa Zammit, ukoll mill-*Internal Affairs*.

Muscat kien irraporta li dakinhar kien il-hin kollu d-dar ix-Xlendi u fl-ebda hin ma mar Marsalforn. Ix-xhud qal:

"*Mill-investigazzjoni li ghamilna rrizulta li fil-fatt is-Sur Charles Paul Muscat kien Marsalforn, u dawn il-fatti irrizultawlna minhabba li ghamilna localization tal-mobile tieghu, fejn immarka li f'dawk il-hinijiet x'hin il-Pulizija raw li kien jinsab fil-fatt f'Marsalforn f'dawk l-inhawi."* Qal li tkellmu ma' Emmanuel Mercieca, li m'ghandux x'jaqsam mal-incident u kkonferma li dakinhar Charles Paul Muscat kien fejnu Marsalforn. Wara dawn ir-rizultanzi baghtu ghar-rikorrent biex jaghmel stqarrija.

[9] Fol 58-59 tal-process.

Fl-24 ta' Mejju 2013, kienu nfurmaw lil Muscat li huma kienu investigaw, li hu kien qed jaghti verzjoni u l-Pulizija kienet qed taghti verzjoni ohra, Muscat rega' ta stqarrija[10], fil-presenza tal-Ufficjali imsemmija, u meta mistoqsi biex jispjega r-raguni li l-*localisation* tal-*mobile* u tal-karrozza kienu juru li kien f'Marsalforn qal li kienu nsterqulu kif ukoll ic-cwievet tal-karrozza izda ma kienx ghamel rapport dwar dan. Baqa' ma spjegax ghaliex ma ghamilx rapport. Dakinhar kienu saru konfronti bejnu u bejn il-Pulizija kkoncernati. Ir-rikorrent kien gie mal-Avukat Tonio Azzopardi.

Sussegwentement, kien gie infurmat li kien ser jitressaq il-Qorti b'arrest, u l-akkuzi nhargu minnu u mis-Superintendent Simon Galea fl-istess data (24 ta' Mejju 2013), u l-proceduri ta' prosekuzzjoni kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex ippresjeduti mill-Magistrat Neville Camilleri.

Zied ighid, li apparti l-*e-mail* li Charles Paul Muscat baghat lill-Pulizija, fl-ebda hin ma sar *'challenge'* skont **l-artikolu 541 tal-Kap 9** peress li ma ttiehdux passi mill-Pulizija fuq l-allegazzjoni li kien ghamel hu jew ghamel talbiet ohra.

Hu xehed ulterjorment **in kontro-ezami** (fol 215-221)[11] u spjega li gie infurmat b'rapport bl-*e-mail* mibghut minn Dr. Tonio Azzopardi lilu sabiex jibda jinvestiga l-kaz ta' Charles Paul Muscat, wara l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru. Qal li rceviha b'*e-mail* li giet *forwarded* ilu. Qal li d-dokument a

[10] Fol 60 tal-process
[11] Seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

fol 58 tal-process, hija *e-mail* ipprintjata mill-Kummissarju tal-Pulizija stess u kkonferma li kien ra din l-*e-mail*. Qal li l-Kummissarju kien ta struzzjonijiet lis-Superintendent Simon Galea, inkarigat mid-Distrett ta' Ghawdex, u s-Superintendent Mario Spiteri inkarigat mill-IAU, u l-Ispettura Marisa Camilleri, biex jinvestigaw il-kaz mieghu. Qal li hu interroga lill-persuni kollha involuti li kien hemm allegazzjonijiet fuqhom, jigifieri l-Pulizija. Spjega li hadilhom *statement* bit-twissija u gharrafhom bid-drittijiet taghhom. Hu pprezenta l-istqarrijiet Dok FT1 - FT6[12], datati t-3 ta' Mejju 2013 rispettivament ta' PC870, PC138 u PS 715, bid-dikjarazzjonijiet iffirmati li ma ridux jikkonsultaw ma' avukat qabel ikellimhom. Qal li dawn l-istqarrijiet saru fil-prezenza tieghu, tas-Superintendent Simon Galea li ghamel l-interrogazzjoni, u l-Ispettur Bernard Charles Spiteri.

Ikkonferma li meta tellghu lil Charles Paul mil-*lock up,* ra li kellu marka f'ghajnejh bhal *black eye* u ordna li jittiehed l-Isptar. Gara li PS698 qallu li minflok mar ghand nannuh u minn hemm mar l-Isptar.

Qal li ha l-istqarrija ta' Charles Paul Muscat darba wahda fit-24 ta' Mejju 2013.

Xehed " *...qabel din id-data kont baghat ghal Charles Paul diversi drabi l-Ghassa pero' meta kont intigh il-caution u ninfurmah bid-drittijiet tieghu, kien jghidli li ma kienx jiflah u kien jerga' jmur l-isptar. L-ewwel cans li kelli nkellem lil Charles Paul minghajr problemi kienet dakinhar, jigifieri ta' l-24 ta' Mejju 2013."*

[12] Fol 179 *et seq.*

***Dr. Tonio Azzopardi:*** *"Tista' tghid lill-Qorti jekk dik l-e-mail li inti stess ghadek kif iddeskrivejtilna bhala 'e-mail kunfidenzjali min ta lil dawn it-tliet Pulizija biex jaqrawha jekk hux inti jew il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien Peter Paul Zammit?."*

***Xhud:*** *"Jien ovvjament x'hin interrogajna lill-Pulizija infurmajnihom bir-rapport.* ***Jien ma tajthomx e-mails."***

***Q:*** *"Ma tajthomx e-mails biex jaqrawha?"*

***R:*** *"Jien qrajtilhom l-e-mail; jigifieri qrajtilhom u x'inhuma l-allegazzjonijiet x'kien qed jghid Charles Paul, jigifieri qrajtilhom dak li kien hemm mitkub hemm. Infurmajthom jigifieri b'dak li kien hemm miktub....Jien ridt nghidilhom l-allegazzjonijiet li kien hemm fuqhom u saqsejthom domandi fuqhom."*

**In ri-ezami** (fol 610-615)[13] obbliga ruhu jaghmel il-verifiki dwar l-*e-mail* li kienet intbaghtet lill-Kummsisarju tal-Pulizija u giet mghoddija lilu u ma sabiex, qal li jista' jkun li ntbaghtet lilu b'posta interna. Semma li l-Kummissarju Peter Paul Zammit kien kellmu fuq dan il-kaz u anke s-Superintendent tieghu dak iz-zmien Simon Galea. Qal li kien esebixxa l-istqarrijiet ta' PC138, PC870 u PS715, u PS581 Loreto Buttigieg. Kien hemm ukoll WPC133 Altea Sammut u PC1053 Michael Falzon, li kienu rrikorrew fuq il-post. Qal li lilu rrizultalu, li meta waslu dawn il-Pulizija li gew mghajta fuq il-post, Charles Paul diga kien immanettjat. Qal li l-ghada hu kien xoghol l-Ghassa u gie n-nannu ta' Charles Paul Muscat fejn allega li Charles Paul

[13] Seduta tal-15 ta' Dicembru 2016.

kien gie msawwat, imbaghad tellghu lil Charles Paul quddiemu u ralu *black eye*, u dik kienet l-ewwel darba li hu rah wara l-arrest, qal li dak il-hin li ralu marka sewda fuq l-ghajn, u kien ta struzzjonijiet biex jigi rilaxxat u jittiehed l-isptar. B'referenza ghal fol 231 sa 237 mistoqsi xi spjegazzjoni inghata tal-girfa mill-istqarrijiet, qalu li meta bdew jippruvaw inizlu lir-rikorrent biex jarrestawh, irrezista, u kellhom inizluh bl-irkoppa, serrhu l-irkoppa fuq dahru biex immanetjawh. Qal li hu dawn il-griehi rahom biss fir-ritratti. Qal li hu wara li ha l-istqarrijiet biex jibni l-kaz mill-gdid, u anke saru konfronti, sar ir-rapport li gie mghoddi lill-*Internal Affairs* fejn gie deciz li Charles Paul Muscat jitressaq il-Qorti u ma jittiehdux passi fil-konfront tal-pulizija involuti. Referut ghal Dok DQM a fol 154, ikkonferma li din hi sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex datata 25 ta' April 2014, wara li kienu ttiehdu proceduri kontra Charles Paul Muscat wara li Emanuel Mercieca kien hassu mhedded bil-kliem ta' Charles Paul, u f'din is-sentenza wehel tliet snin *probation*.

**In kontro ezami l-Ispettur Frank Tabone** qal (fol 617-631)[14] li kemm fid-data tar-rapport u sal-lum il-gurnata hu emmen lill-Pulizija u b'hekk wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Rigward il-griehi l-Pulizija qalulu li dik saritlu waqt li kien qed jigi mmanetjat bil-marki tal-irkoppa. Dwar il-gerha tas-*shoe print* dik hi l-istess li ghadu kif xehed dwarha li huma qalu saritlu bl-irkoppa peress li rrezista. U rigward il-*black eye* il-Pulizija baqghu jinsistu li ma jafux kif spicca bi *black eye*. Zied ighid li waqt il-kumpilazzjoni hu stess talab li jinhatar espert biex jezamina l-griehi tar-rikrorent. Spjega wkoll, li meta wasal ghall-konkluzjoni tieghu, kien ghadu

[14] Seduta tas-16 ta' Frar 2017.

ma rax ir-rapport tal-espert. Qal li hu ghadda r-rapport tieghu lill-espert u imbaghad il-kaz kompla gie segwit mill-*Internal Affairs*. Qal ukoll li Dr. John Borg mill-isptar kien qallu li wissa lir-rikorrent meta kien rikoverat l-isptar li llum jew ghada jrid jiffacja r-realta u jrid jigi interrogat, izda ma tax dettalji jew spegalu li r-rikorrent kien imwerwer. Qal li permess u awtorizzazzjoni minn ghandu ma talbux il-Pulizija li ghamlu l-arrest, izda dakinhar kien xoghol Bernard Charles Spiteri u meta kellmu qallu li ma talbuhx permess. Qal li mill-istqarrijiet tal-Pulizija jirrizulta li huma sgassaw il-bieb tal-appartament tar-rikorrent u hu diga ghamel referenza ghall-artikoli tal-ligi li jaghtu l-poter li jsir dan l-isgass f'kaz ta' emergenza u f'kaz fejn ikun hemm suspett ta' sustanzi illegali. Il-Pulizija qalulu li l-*flat* tar-rikorrent kien imdallam huma kienu armati u bit-*torch*, u raw lil Charles Paul riesaq lejhom. Qal li hu ra d-diskrepanza bejn ix-xhieda ta' Charles Paul u Sonia dwar il-*mobile* u c-cwievet, ghax Sonia Vella dahlet fix-xena xahar wara li kient bdiet il-kumpilazzjoni u qalet li l-*mobile* u c-cwievet tal-vettura ta' Paul hadithom minghand Paul. Qal li hu ghamel l-investigazzjoni kif inkarigat u hejja r-rapport, u m'ghandux access biex jivverifika x'sar mill-*Internal Affairs* ghalhekk ma jistax ighid x'investigazzjonijiet ulterjuri saru. Spjega li fl-interrogazzjoni tal-*Internal Affairs*, meta gie interrogat mill-*Internal Affairs* ir-rikorrent kien f'pozizzjoni ta' allegat vittma ta' swat, mistoqsi hux suppost jigi biss interrogat minn wiehed jew tnejn u mhux aktar ufficjali, qal li dwar dan ma jistax jirrispondi hu imma ufficjali ohra oghla minnu.

**Dr. Agarwal Ravindra Omprakash** xehed (fol 208-214)[15] u qal li Charles Paul Muscat iddahhal l-isptar fit-18 ta' April 2013, mill-Pulizija, fejn allegatament issawwat mill-Pulizija. Qal li sarulu t-testijiet u l-X-*rays* (*spine and chest)* necessarji, u kellu tbengila fejn ghajnejh tax-xellug u kellu tliet tbengiliet ohra wara rasu, li kienu *non neurological,* u l-ebda 'injuries' ma nstabu f'partijiet ohra ta' gismu. Qal li hemm rapport iffirmat mill-Psikjatra Dr. John Borg, u hemm rapport sussegwenti tal-psikjatra Borg datat 8 ta' Mejju 2013 fejn inghad li Muscat kien ghadu rikoverat l-isptar.

Spjega li hemm notament miktub fit-3 ta' Mejju 2013 fejn hemm indikat li Muscat iddahhal fl-emergenza fit-18 ta' April 2013 billi qal li waqt li kien qed jaghmel stqarrija mal-Pulizija hass *dalma.* Kien gie allegat li kien gie imsawwat mill-Pulizija tlett ijiem qabel. Gie ammess ghall-osservazzjoni u x-xhud kien ezaminat l-ghada fejn sabuh "*tense and anxious; probably reactive to the recent stress and trouble by the Police."* Gie ammess fil-*ward* temporanjament fejn baqa' taht osservazzjoni.

Qal li gie preskritt Valium f'dosa ta' 5 miligrammi kuljum. Spjega li peress li Muscat kellu storja ta' uzu ta' droga, riedu jaraw li kien kompletament 'clean' minn kull sostanzi. Semma li sussegwentement rah ukoll Dr. Anton Grech u hemm dokument datat 13 ta' Mejju 2013, meta fil-fatt kien rilaxxat mill-isptar[16].

**Dr. John Borg** xehed (fol 250-256)[17] qal li hu tabib u jiehu hsieb il-*Psychiatric Ward* fl-isptar t'Ghawdex. Qal li fid-19

[15] Seduta tal-11 ta' Novembru 2014.
[16] Fol 197 tal-process.
[17] Seduta tas-27 ta' Jannar 2015.

ta' April 2013, sejhulu mill-Kirurgija tal-Isptar biex jara lil Charles Paul Muscat, ghamel in-notamenti tieghu fir-rigward tieghu, ma tah l-ebda medicina izda qeghdu f '*level 2 supervision*' li jfisser li jkollu *nurse* mieghu l-hin kollu, izda mbaghad fl-20 ta' Mejju kien nehhielu dan il-'*level 2 supervision*'. Spjega li hass li kien hemm bzonn din is-supervizjoni ghax rah anzjuz izda fl-20 ta' April 2013 nehhieh minn dan it-tip ta' supervizjoni. Qal li kellu *history* ta' abbuz ta' droga u ghamlulu *urine toxicology test* fid-29 ta' April 2013, li rrizulta negattiv. Sar test iehor ukoll b'rizultat negattiv fis-6 ta' Mejju 2013. Hu esebixxa n-notamenti mill-*file* tal-isptar bhala JB1 u d-*discharge letter* datata 13 ta' Mejju 2013, bhala Dok JB2.

Qal li Muscat kien anzjuz u bezan. Kien trawmatizzat milli gara. Ghamel circa tlett gimghat fis-Sala Psikjatrika u imbaghad issetilja.  Dam b'kollox 4 gimghat l-Isptar mill-18/4/2013 sat-13/5/2013.

Hu kiteb "*anxious + especially when recounting the clash with the police*" Dakinhar ghamel *full mental state examination*. Qal li *anxiety* kien nervuz, kellu biza', tista' tghidlu. Fuq mistoqsija tal-Qorti qal li ma investigax vittmi ta' trawma ufficjalment imma jara nies anzjuzi. Qal li ma setax jghid jekk il-Pulizija sawtuhx jew le. Dewmu l-Isptar ghax kien anzjuz u tpogga fuq medikazzjoni.

**In kontro-ezami** qal, li meta rah hu l-isptar diga rrizulta mill-*file* li Muscat kien pazjent ta' Dr. Anton Grech.  Qal li fid-29 ta' April 2013 kien sarlu test tossikologiku li kien ordnah Dr Grech, li rrizulta fin-negattiv u dejjem trid thalli *window* ta' bejn 10 ijiem u hmistax. Kien hemm *test* iehor

fis-6 ta' Mejju 2013, ukoll negattiv. Ikkonferma wkoll li hu dam l-isptar mit-18 ta' April 2013 sat-13 ta' Mejju 2013, u dan kien perjodu kontinwu li hu nzamm l-isptar.

Qal li effettivament dam gurnata taht *supervision* u ma nghatax kura hlief ghall-medicina *low dose* ghall-anzjeta.

**Dr. Joseph Farrugia** xehed (fol 257-263)[18] u qal li hu kien xoghol il-*casualty* fl-isptar t'Ghawdex fil-15 ta' April 2013 meta ddahhal Charles Paul Muscat. Qal li Muscat kien qallu li allegatament issawwat minn tliet Pulizija waqt li kien id-dar fis-sodda. Qallu li kien *forced entry*, u hu kiteb id-dettalji ta' x'qallu Muscat "*pushed to the floor, stayed over him, opened his legs, beaten in head, abdomen, over the back. He was pushed to the floor several times and was told (bil-Malti ha nghidha "mur hares gol mera pulcinell".* Qal li ghamlulu *neurosurgery test*. Hu kkonferma li l-grieghi u t-tbengil huma dawk li jidhru mar-ritratti a fol 26. Qal li kiteb dak li qallu. "*Kellu facial pain over the left eye, kellu headache, kellu dizziness ... kellu pain on moving neck in any direction. Pain right back. Pain lower thorax retro external with respiration."*

Kkonferma c-certifikat tieghu **DOK JF1** (fol 238) fejn kiteb li sab li kellu *pulse ta' hundred. Nuerologically kien normali; kellu swelling left eye region, ... kellu black eye on the left side. Kellu abrasion, grif, over left scapula, kellu abrasion zghira ta' 2.5 cm; kellu slight redness over the right scapula - il-gwejnah. Kellu abrasions right back under scapula. Kellu horizontal curving abrasions taht xulxin up to 6 cm long. Hadtlu x-rays tal-iskull, cervical spine, chest x ray-*

[18] Seduta tas-27 ta' Jannar 2015.

*kollha jidhru normali ."* Qal li cempel lill-Pulizija u x'hin qallu li cemplilhom ir-rikorrent ghamel *volontary discharge*.

Gie muri ritratt a fol 26 u kkonferma li ra dik in-nefha fuq il-pazjent. Gie muri wkoll ir-ritratt (Dok JA1 esebit a fol 230 *et seq* flimkien ma' ritratti ohra JA2-JA7) . Muri Dok JA1 qal "niftakarha din" izda ma setax jghid ma xhiex huma kompatibbli billi mhuwiex espert forensiku. F'Dok JA4 jidher li n-nefha nizlet. Qal li fl-ewwel gurnata (Dok JA6) kien hemm in-nefha u mbaghad fit-tieni gurnata (Dok JA7) in-nefha naqset imma t-tbengila zdiedet - "*dark red tal-bruising taht il-gilda."*

**In kontro-ezami** qal, li Muscat iddahal l-isptar fil-15 ta' April izda m'hemmx il-hin indikat.

**Dr. Nathalie Ellis** xehdet (fol 262-263)[19] u qalet li hi tahdem bhala tabiba fl-emergenza, u Muscat kien iddahhal l-isptar mill-Pulizija u hi kienet mitluba tarah fit-18 ta' April 2013 fis-18.35. Mill-*file* kien irrizultalha li diga kien iddahhal l-isptar fil-15 ta' April 2013. Qalet li fit-18 ta' April 2013 hu kien jidher anzjuz. Hi kkonfermat li hu kellu *bruise* f'ghajnejh tax-xellug, u ratlu tbengila kif jidher f'Dok JA3 izda mhux b'dik il-hmura. Kellu wkoll tliet tbengiliet fir-*right loin.* Billi kellu *history* ta' *brain surgery* zammewh taht osservazzjoni u billi ratu eccitat kitbet nota li kellu bzonn konsulta psikjatrika li saret l-ghada l-Isptar. Tiftakar li nannuh li kien akkompanjah insista li jarah psikjatra dak il-hin izda seta' jarah filghodu. Qalet li it-*toxicology test* ma ssirx fil-*Casualty.* Qalet li tbengil rat .

[19] Seduta tas-27 ta' Jannar 2015.

**Victoria Galea** xehdet (fol 307-312)[20] u qalet li hi n-nanna tar-rikorrent. Semmiet li fil-lejl tal-15 ta' April 2013, kienu cemplu l-Pulizija u qalu li hemm il-bieb tal-*flat* fejn joqghod ir-rikorrent miftuh, u r-ragel taghha kien mar wahdu u mbaghad meta raw lil Charles Paul Muscat kien jidher wiccu kollha tbajja qisu sawtuh. Ratu l-ewwel darba meta kien fis-sala tal-isptar.

**Roderick Muscat** hu r-rikorrent xehed (fol 341-345)[21] u qal, li kien il-Hadd lejlet li gie arrestat huh, kienu go bar Ta' Nona ix-Xlendi ma' xi hbieb. Qal "*X'hin gejt biex immur rajt ic-cwievet tieghu fuq il-mejda u hadthom id-dar mieghi is-soltu.*"[22] Ghal xi 11.00pm - 11.15pm sema' lil huh jghajjat minn isfel biex nitfalu l-i*spare key* ghax tilifha. Mar mieghu sal-appartament tieghu u qaghadu jixorbu. Qal li hu telaq f'xi s-siegha nieqs kwart ta' filghodu u mbaghad ma jafx aktar. Qal li l-bieb ta' barra ta' fejn joqghod huh hu tal-injam imbaghad titla' ghall-appartament ta' huh. Dakinhar huh kien nesa c-cwievet fil-bar u rega' gie ghalihom, u mbaghad hu mar id-dar mieghu sa ma telaq fis-siegha nieqes kwart.

**Sonia Vella** xehdet (fol 346-350)[23] u qalet li ilha taf lir-rikorrent xi sitt snin, ghall-ewwel kellhom relazzjoni, imbaghad kienu biss hbieb. Hi qalet li telghet tixhed minghajr ma sfurzaha hadd. Qalet li s-Sibt qabel ma gie arrestat ir-rikorrent, kienet mieghu u lletikaw u peress li ma riedx iwassalha baqghet rieqda hemm fuq is-sufan, u l-Hadd meta qam qalilha li hiereg u li se jmur ghand nantu.

---

[20] Seduta tal-10 ta' Marzu 2015.
[21] Seduta tad-9 ta' Lulju 2015.
[22] Fid-dikjarazzjoni tar-rikorrent anness mal-*e-mail* esebit a fol 358-360 ir-rikorrent kiteb li huh qal "*ninzel ingiblek il-mazz tac-cwievet ghax hallejthom warajk ghand Ta' Nona bar.*"
[23] Seduta tad-9 ta' Lulju 2015.

Qaltlu biex iwassalha u hu ma riedx beda ighidilha biex jitkellmu.

"*Kellu l-mobile f'idu beda jcempel lil xi hadd; u bdejna nilletikaw fit-tarag. Hadtlu l-mobile u hadtlu l-flus mill-but u kien hemm ic-cavetta tal-karozza, u tlaqt."*

Qalet li cemplet numru u wiegeb Leli l-Malti u mxiet lejn ix-xatt fejn rat il-karrozza tar-rikorrent. Semmiet li qabdet il-karozza ta' Charles u bdiet miexja lejn Marsalforn, u hi u niezla waqqafha wiehed hasibha hu. Kien Manuel u qaltlu "*ha mmur nitlaqlu l-karrozza x-Xatt u nitlaq bil-vapur."*

Meta ghaddiet minn fejn il-bahar u bdiet tiela' lura rat karozza tal-Pulizija, imbaghad rathom gejjin warajha u baqghet is-suq. Hi ma kinitx taf tindika l-hin meta gara dan pero` qalet li kien id-dlam. Qabdet it-triq lejn id-dar tieghu (tar-rikorrent) u mhux lejn ix-xatt kif kienet fi triqtha ghax indunat li kien hemm il-karozza warajha. Spjegat li l-karozza tar-rikorrent hi Fiat Punto *blue* u kemm-il darba saqitha mhux dakinhar biss. Mistoqsija ghaliex hi ma qalitx dan mill-ewwel qalet li ghax bezghet peress li hi ghandha tlett tifal minghajr missier, izda imbaghad giet biex tixhed u tghid il-verita.' Qalet li l-Pulizija qatt ma baghtu ghaliha biex jinterrogawha. Semmiet li dakinhar meta hadet il-*mobile* ta' Charles, kienet cemplet l-ahhar telefonati tan-numri li kien cempel hu, biex tara min huma n-nies li kien cempel l-ahhar izda xi whud lanqas biss kienu rrispondewha.

**Jack Galea** in-nannu tar-rikorrent xehed (fol 365-375)[24] u qal li rcieva telefonata fis-2.30 ta' bil-lejl fil-15 ta' April 2013, fejn gie infurmat mill-Pulizija li gabru li Charles Paul Muscat, biex immorru jghalqu l-bieb tieghu, u meta mar sab il-bieb mifqugh bis-serratura maqlugha. Esebixxa Dok JG5 ittra ufficjali indirizzata lit-tliet pulizija u Dok JG6 ir-risposta tal-Pulizija, fejn f'din ir-risposta hemm miktub li Charles Muscat irrezista l-arrest u kien vjolenti, izda hu sostna li Muscat kien rieqed. Hu esebixxa wkoll Dok JG8, li hu certifikat tar-rilaxx mill-isptar wara li Charles Muscat kellu *brain surgery* antecedentement ghal dan l-incident. B'referenza ghall-*e-mail* a fol 58 u 59, mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija datata 8 ta' Jannar 2015 mibghuta mir-rikrorent, u ma' l-*e-mail* kien hemm ittra mibghuta lill-Ispettur prosekutur li kien qed jaghmel l-investigazzjoni, li kellha miktub kunfidenzjali, u din l-ittra qed jesebiha bhala Dok JG9.

**Charles Paul Muscat** xehed (fol 383-393)[25] u qal li qabel l-incident hu kien ghamel intervent newrologiku peress li kellu cesta go rasu. Qal li fit-12 ta' April kienet giet Sonia ghall-*weekend*, marru jieklu Marsalforn is-Sibt u ggieldu u wara ngabru d-dar peress li hu kien rinkazat fl-indirizz tieghu "Ankara Court", *Flat* 6, Triq ir-Ranciz Xlendi, u l-Hadd qalilha biex johorgu u ma riditx. Mar jiekol ghand nantu u mbaghad spicca ghand Ta' Nona, bar ix-Xlendi u meta kien rega' sejjer id-dar Sonia bdiet tirrabja mieghu qalilha biex jitilghu jitkellmu izda ma riditx. Qal li wara li mar il-Paradiso ma' John Sultana u rritorna ghal xi 11.30pm. Induna li kien nesa c-cwievet warajh, ghalhekk ghajjat lil

[24] Seduta tat-22 ta' Ottubru 2015.
[25] Seduta tas-17 ta' Novembru 2015.

huh mill-gallarija peress li kien joqghod vicin, gablu c-cwievet *spare*, u qaghad siegha mieghu hemm id-dar jixorbu l-inbid, u huh telaq, u hu kien diga mitfugh fuq is-sodda meta sema' tahbit kbir, u ra tliet pulizija li tefghu l-bieb gewwa u baqghu dehlin, u laqqat daqqa go ghajnu u tefghuh ma' l-art. Spjega li PC Joseph u PC Reuben, wiehed minnhom kien b'irkopptu fuqu u bdew jiggieldu min ha jimmanetjah, u wara bdew iqajmuh u jergghu isabbtuh ma' l-art. Meta gie interrogat qal li kien hemm l-ispettur Tabone u tlieta minn tal-*Internal Affairs* zgur. Qal li sussegwentement, bdew dehlin persuni ohra, fejn saru konfronti, gabu lil Emanuel Mercieca li qal li Muscat kien qieghed ghandu Marsalforn. Qal li mbaghad sar jaf li Sonia kienet qed issuq il-karozza, ghall-ewwel ma riedx ighid imbaghad qal li l-*mobile* u l-karozza tieghu kienu ghand Sonia Vella. Qal li PS Reuben kien l-ewwel u Joseph kien warajh u x'aktarx kien Reuben li ppuntalu pistola.

Xehed ukoll li cempel lill Ganni (John Sultana) mill-*mobile* tieghu biex jara jekk hallhiex ic-cwievet ghandu u l-iehor qallu li le. Sonia nizzlet irrabbjata t-tarag u hatfitlu il *mobile* u c-cwievet tal-karrozza u baqghet tiela' l-fuq. Induna li sakkret il-bieb tal-appartament. Spjega li ghand huh izomm *spare* kemm tad-dar kif ukoll tal-karrozza ghax sikwit jitlifhom.

Xehed ulterjorment (fol 542-549)[26] u esebixxa dvd ta' video recenti immarkat Dok XM, u semma l-istima ta' €593 ghall-hsara li sar tal-isgass tal-bieb ta' barra u esebixxa stima bhala Dok CMX1. Spjega li meta dahlu l-Pulizija ghandu

[26] Seduta tas-6 ta' Gunju 2016.

fl-appartament, daqqa u gewwa sgassaw u sabhom ma' wiccu. Qal li meta haduh l-Ghassa u l-*lock up* kien hemm l-Ispettur Frank Tabone, u rah bil-*black eye* f'ghajnejh. Referut ghax-xhieda ta' Frank Tabone quddiem il-Qorti Istruttorja a fol 335, u qal li meta rah Frank Tabone dakinhar u anke l-Pulizija Shawn rah bil-*black eye*, qal li l-Pulizija kien wasslu l-isptar mhux ghand nannuh.

**PS715 Lucian Gatt** (fol 505-519)[27] u qal li gie interrogat darbtejn fuq dan il-kaz, darba mis-Superintendent Simon Galea u mill-Ispettur Frank Tabone, u darba ohra mill-Assistent Kummissarju quddiem Charles Paul fejn ghamlu konfront. Qal li sakemm nizzluh il-*lock up* lil Charles Paul ma kellu xejn, kellu girfa jew tbengila taht id-driegh tal-lemin. Muri fol 231 u mistoqsi jekk dawn humiex sinjali ta' qiegh ta' zarbun, qal li le dakinhar mhux dawn il-marki kellu. Qal li huma kienu 'chase' wara Charles Paul Muscat u x'hin waslu x-Xlendi sabu l-karozza pparkjata quddiem ir-residenza tieghu wiccha lejn il-blat, u meta kienu qed isuqu warajh raw li kienet misjuqa minn Charles Paul. Qal li meta hadd ma rrisponda ta ordni biex jimbuttaw il-*panel*la tal-bieb ta' isfel, u wara li cempel l-Ghassa r-Rabat biex jaraw liema kien il-bieb tal-appartament tar-rikorrent, u meta waslu ghall-bieb tieghu li kien tal-injam u hadd ma fetah, sgassaw il-bieb u kien dlam cappa fl-appartament u gie lejhom ir-rikorrent. PC 138 u PC 870 ippruvaw jaghmlulu l-manetti izda hu beda jirrezistihom, u hu qalilhom biex inizzluh mal-art biex ikunu jistghu jimmanetjawh, u qallu li kien taht arrest peress li kiser il-kundizzjonijiet tal-*bail*. Spjega li Muscat beda jirrezisti ghax bdew jikkumbattu mieghu biex jarrestawh.

[27] Seduta tal-4 ta' Mejju 2016.

Is-*search* ghal armi rrizulta fin-negattiv u semma wkoll li kellu riha ta' xorb u meta marru l-Ghassa r-Rabat ghamillu t-*test* li gie 24 izda ma kienx jaqbez il-limitu tal-ligi. Qal li s-suspett tieghu dakinhar fir-rigward ta' Charles Paul kien fuq il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, u semma li Emanuel Mercieca kien maghruf maghhom ghad-droga. Qal li ghall-habta tas-siegha lemhu lil Charles Muscat isuq il-vettura tieghu f'Marsalforn. Qal li meta kien fil-vettura tal-Pulizija f'Marsalforn kien passiggier quddiem, u meta kienu qed jaghlqu t-triq r-rikorrent li kien fil-vettura tieghu gie jhares lejh. Qal li meta dahlu fl-appartament ta' Charles Paul gie ghalihom fid-direzzjoni taghhom.

Xehed in **kontro-ezami** (fol 569-579)[28] qal li hu sal-Ghassa ha lil Charles Paul u kienu PC138 u PC870 li haduh il-*lock up*. Qal li sa ma wassluh l-Ghassa ma ralux griehi hlief dik go dahru li diga xehed dwarha u m'ghandux spjegazzjoni kif giet. Qal li PC138 dahal bil-pistola f'idu minhabba c-cirkostanzi ta' dak il-hin. Semma li hu kellu pistola imma ma harighiex. Qal li hu mija fil-mija li dakinhar tal-arrest kien ra lil Charles Paul isuq il-vettura tieghu u mhux lil Sonia. Mistoqsi jekk PC138 qattx wera li kellu lanzita ghal Charles Paul qal li le. Qal li hu kien innota biss il-gerha li kellu fuq dahru r-rikorrent u kien gibed l-attenzjoni ta' PC133. Mistoqsi jekk semmiex din il-gerha fir-rapport qal li le ma semmihiex. Qal li hu fl-ebda mument ma messu lil Charles Paul ghax marru fuqu t-tnejn l-ohra. Qal li sar jaf li Charles Paul baghat rakkont ta' zewg pagni lill-Kummissarju tal-Pulizija, u sussegwentement hu kien gie interrogat u qrawlu din l-ittra meta hadulu l-*istatement* l-Ispettur Frank Tabone u s-Superintendent Simon Galea.

[28] Seduta tas-6 ta' Gunju 2016.

Spjega li l-ewwel darba li gie interrogat, hadulu *statement* fuq l-ittra li baghat Charles Paul. Mistoqsi jekk bejn l-14 ta' April u t-3 ta' Mejju 2013, meta l-ispettur kien jarah l-Ghassa kienx staqsieh fuq il-*black eye* ta' Charles Paul, li seta' ighid zgur li kien gie nfurmat li Charles Paul kien qed jakkuza li sawtuh. Mistoqsi jafx b'xi kaz iehor fejn sehh kaz simili, qal li le.

**PS 138 Joseph Portelli** xehed (fol 520-528)[29] u qal li ilu 21 sena pulizija u ghandu grad ta' *third degree black belt*. Spjega li sakemm immanettjaw lil Charles Paul damu xi hames minuti. Spjega li qabel ma ta l-istqarrija tieghu fuq il-kaz ta' Charles Paul, qrawlhom siltiet mir-rapport li Charles Paul ghamel fuqhom lill-Pulizija. Qal li raw il-vettura ta' Charles Paul ipparkjata barra l-appartament tieghu, mal-bieb tal-blokka ma kienx hemm pum u meta ma rrisponda hadd huma sgassaw il-*panel* ta' isfel. Qal li meta sgassaw il-bieb tal-injam biex jidhlu fl-appartament ta' Charles Paul, u dahlu hu kellu t-*torch* u pistola f'idejh u Charles Paul kien warajhom, u tawh struzzjoni biex jinzel gharkupptejh, izda hu ma kkoperax u beda jirrezisti. Qal li poggewh mal-art b'saqajh imwessghin, u beda jipprova jdur wiccu 'l fuq u b'hekk ghamel irkopptejh fuqu sabiex ma jkunx jista' jdur wiccu 'l fuq. Qal li hu malli eskortawh lejn l-Ghassa ma kellux dawn il-marki, u kienu hu u PS 870 li nizluh il-*lock up*. Hu spjega li mir-records tal-Pulizija jirrizulta li Charles Paul gie rilaxxat u mar id-dar tan-nannu, u qal li hu d-daqqa f'ghajnejh ra biss fir-ritratti u mhux sakemm kien ghadu qed jakkompanjah ghal-*lock up* u m'ghandu l-ebda spjegazzjoni kif giet hemm id-daqqa f'ghajnejh. Qal li fl-appartament tieghu kienu fittxu u ma

[29] Seduta tal-4 ta' Mejju 2016.

sabux droga jew armi. Qal li kienu lemhu l-karozza ta' Charles Paul barra l-*flat* ta' Emanuel Mercieca, fi Triq il-Qolla s-Safra izda kien ghadu nofs il-lejl nieqs kwart, izda huma l-arrest kien fuq kundizzjonijiet ta' *bail*. Qal li meta lemhu lil Charles Paul fil-lejl tal-arrest tieghu, hu kien qed isuq il-vettura tal-Pulizija u l-vettura ta' Charles Paul kien qed isuqha Charles Paul innifsu. Hu insista u afferma li kien Charles Paul li kien qed isuq il-vettura tieghu dakinhar u mhux Sonia Vella ghax lil Sonia Vella jafha u jaf anke lil uliedha. Meta mistoqsi jekk il-griehi li hemm fir-ritratti humiex rizultat ta' forza massima qal li iva.

Hu xehed ulterjorment in **kontro-ezami** (fol 550-554)[30] u qal li gie interrogat fuq il-kaz tar-rikorrent mill-Ispettur Frank Tabone u mis-Superintendent Simon Galea u ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali kontrih. Spjega li meta hadu lil Charles Paul Muscat il-*lock up* taw *handover* lil PC1279 li hu l-*lock up* attendant, u baqghu hemm sakemm gie registrat u saret tfittxija fuqu. Qal li jiftakar li PC1279 David Theuma Scerri kien saqsieh jekk ghandux bzonn ta' kura medika u qallu li le, kien qallu biss li jbati bl-asthma u li xtaq jinforma lil nannuh, u qal li fil-mument li eskortawh fil-*lock up*, ma kellu l-ebda ferita go wiccu. Mistoqsi jekk ghandhomx *training* meta jigu biex jimmanetjaw lil xi hadd, qal li jkollhom *training* fuq it-twapet, izda meta jigi biex jimmanetjaw lil xi hadd fil-veru sens ikun mal-art, allura jekk ikun hemm rezistenza l-impatt ikun akbar milli fuq tapit. Zied ighid li ma talbux permess biex jidhlu fl-appartament tar-rikorrent minhabba li kellhom suspetti ragonevoli fih, u meta dahlu fuqu kien bil-*boxer shorts* u minghajr flokk. Muri r-ritratt a fol 236, qal, li fil-mument li gie eskortat ma

[30] Seduta tas-6 ta' Gunju 2016.

kienx hemm dik il-*black eye*, izda jidher minn dan ir-ritratt li hemm hmura fuq mohhu. Qal ukoll b'referenza ghal ktieb tad-*detained persons* a fol 378-381, li m'hemm l-ebda notament li r-rikorrent kellu griehi u l-pulizija li eskortawh ma jiffirmawx izda jitnizzel biss isimhom.

**Dr. Tonio Azzopardi** xehed (fol 547-549)[31] u qal li meta gara l-kaz gie inkarigat min-nannu tar-rikorrent sabiex jaghti l-assistenza kollha li jkun hemm bzonn. Semma li kien baqa' barra l-Ghassa jistenna man-nannu tieghu Jack Galea. Izda mbaghad kienet saret laqgha fil-ghodu fejn gew tal-*Internal Affairs Unit*, u r-rikorrent, kien gie interrogat minn erba' persuni, fejn hu kien biss prezenti ghas-sostenn. Qal li qed jilmenta wkoll mill-interrogatorju peress li r-rikorrent kien trawmatizzat. Zied ighid li fuq talba ta' Jack Galea hu kien kiteb *e-mail* kunfidenzjali lill-Kummissarju tal-Pulizija, li tinsab esebita u wara sar jaf mill-kontro-ezami li sar f'Ghawdex tal-Ispettur Tabone stess, u anke t-tliet Pulizija nnifishom li kienu involuti fl-arrest tar-rikorrent, xehdu fil-Qorti ta' Ghawdex li kellhom access ghal dan id-dokument. Esebixxa Dok TA1 rikors ta' Charles Paul Muscat, Dok TA2 risposta li saret quddiem il-Qorti Istruttorja, u Dok TA3 kopja tar-rikors tieghu fil-proceduri Kriminali.

**PC870 Reuben Farrugia** xehed (fol 555-568)[32] u qal li dakinhar tal-14 ta' April 2013, kienu bir-ronda Marsalforn, u nnutaw il-vettura ta' Charles Paul Muscat ipparkjata quddiem Leli Mercieca imbaghad huma u telghin minn Manuel Magro Street raw vettura gejja lejhom misjuqa

[31] Seduta tas-6 ta' Gunju 2016.
[32] Seduta tas-6 ta' Gunju 2016.

minn Charles Paul. Semma li hu hareg minn gol-vettura biex jipprova jwaqqfu, izda saq ghal fuqu u kieku ma warrabx kien itajru, sa ma rega' rikeb fil-vettura u bdew isegwu lil Charles Paul. Izda meta waslu fejn ix-xoghlijiet fit-triq, hasbu li ma setax jghaddi, fil-fatt kien dar minn wara l-knisja u ghalhekk tilfuh, imma meta waslu fejn l-appartament tieghu, il-magna tal-karozza kienet ghadha qed tfaqqa. Qal li l-fatt li kien id-dar ta' Leli Mercieca, seta kien qed jitkellem biss u seta' kien qed jitraffika, izda meta rawh lil Charles Paul riedu jkellmuh minhabba l-kundizzjonijiet tal-*bail*, u x'hin harab u mar jimmarika ruhu d-dar kellhom suspetti bizzejjed li jaraw jekk kienx qed jahbi xi haga. Qal li Sonia Vella zgur li dakinhar ma kinitx qed issuq il-vettura ta' Charles Paul. Meta dahlu fl-appartament ta' Charles Paul wara li vverifikaw in-numru tal-bieb tieghu mal-Ghassa, tefghu l-bieb gewwa b'daqqa ta' sieq u xeghelu t-*torch* f'ghajnejn ir-rikorrent li ma kienx rieqed. PC Joseph Portelli tah ordni bl-arma tas-servizz biex jinzel mal-art u r-rikorrent ma obdiex, u beda jsaqsi lil PC Portelli Joey x'gara? Hu cahad li ghamlulu *spread eagle* b'saqajh miftuhin. Imbaghad wara li rnexxielhom jimmanetjawh qal li ma ghamel xejn, kien mans, u nnega li waddbuh mal-art. Muri ritratt a fol 230 u mistoqsi jekk dik li tidher hemm hijiex girfa ta' rkoppa, qal li hu mhuwiex espert forensiku u li PC Joseph Portelli qal li dik hi marka ta' rkoppa. Hu wera l-qiegh taz-zarbun tieghu u qal li hadd ma jilbes *standard shoe* tal-Pulizija. Hu nnega li offenda lil Charles Paul meta kienu qed jarrestawh. Rigward ittra li ntbaghtet id-Depot lill-Kummissarju tal-Pulizija, qal li hu meta dahal biex jigi interrogat infurmawh li ntbaghtet ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija, izda hu qatt ma qabad u ra din l-ittra u x'ghamel Joseh Portelli f'dan ir-rigward ma jistax

ighid. Meta moqri parti minn din l-ittra, ikkonferma li Charles Paul kien qal lil PC Joseph Portelli li ilu mqabbad mieghu u ried jitfghu gewwa, qallu li qatt ma qal li ried jitfghu gewwa. Spjega li l-bieb tal-appartament tar-rikorrent faqghu PC138 fuq struzzjonijiet tas-Surgent. Qal li meta hadu lir-rikorrent il-*lock up* ma kellux il-griehi li jidhru fir-ritratti, u meta telaq minn gol-*lock up* mar id-dar. Hu qal li s-698 qallu biex jiehdu l-isptar lil Charles Paul u ma riedx imur l-isptar ried imur id-dar ta' nannuh. Spjega li meta nizzluh il-*lock up* lil Charles Paul kienu hu u PC 138 u l-*lock up attendant* u meta l-*lock up attendant* talbuh ghandux bzonn xi haga qallu le. Misoqsi jekk l-Ispettur Tabone baghatx ghalihom wara li Charles Paul kien il-*lock up* u ra l-*black eye*, qal li le, baghat ghalihom wara l-ittra li kienet intbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija. Qal li meta gie interrogat fuq dan il-kaz inghata l-*caution* u gie anke offrut id-dritt ta' avukat. Qal li hu kien ralu biss gerha fuq dahru u ma jiftakarx kinux qalu lil tal-*lock up* biex jiehu notament ta' dan. Qal li meta eskortawh ghal-*lock up* dan mexa, tela' t-tarag u dahal wahdu gol-*lock up*.

**L-Ispettur Jurgen Vella**, Spettur fit-Taqsima *Human Resources*, qal, li mill-verifiki u mir-*records* ma jirrizultax li PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 kellhom rapport b'agir abbuziv in eccess tar-regoli, u in eccess tal-poteri taghhom. Qal li kellhom xi rapporti fuq affarijiet ohra ezempju, traskuragni fuq ix-xoghol u assenza bla permess u li PC138 qed ihaddan lezzjonijiet privati ta' *martial arts*. Qal li Portelli u t-tnejn l-ohra imsemmija hawn fuq gew investigati mill-*Internal Affairs* wara l-ittra li ntbaghtet, mill-Assistant Kummissarju Mario Spiteri, is-

Superintendent Simon Galea, u l-Ispettura Marisa Zammit, u huma t-tlieta ffirmaw ir-rapport.

**PS1279 David Theuma Scerri** xehed (fol 584e-h)[33] u qal li hu stazzjonat il-*lock up* Ghawdex u fil-15 ta' April 2013 fis-2.30 ta' fil-ghodu kienu gabu lil Charles Paul il-*lock up*, u l-Ispettur li ffirma ghalih kien Frank Tabone. Mistoqsi kif kienet ghajnejh meta ngab il-*lock up* qal li kienet normali. Mistoqsi staqsihx ghal mera qal li le, kien staqsieh ghal sulfarina jew *lighter*.  Mistoqsi qallux li kellu daqqa f'ghajnejh u li l-Pulizija sawtuh qal li le.  Mistoqsi jekk isfel fil-*lock up* ghandomx mera qal li iva, mistoqsi hadux jara go dil-mera qal li ma kellux ghalfejn ghax kamra zghira hemm.

**PC 155 Charlton Xerri** xehed fil-proceduri kriminali u kopja tax-xhieda tinsab (fol 603-606) fejn qal li fil-15 ta' April 2013 kien iddetaljat *first watch* fil-5.00a.m. minflok PC1279, u fit-8a.m. mar jittawwal lil Charles Paul Muscat, staqsieh ghal mera u x'hin hareg mic-cella ralu *black eye* f'ghajnejh, u x'hin staqsieh x'garalu, qalli li gie msawwat mill-Pulizija u hu mill-ewwel sejjah lis-Surgent PS698, s-Surgent 698 qal biex jehduh l-isptar u hu mar ikomplu xogholu l-*lock up*. Qal li fil-5.00 am. ma kellmux ghax kien rieqed Charles Paul.  Mistoqsi meta ra d-*detainee book,* jekk irrizutalux xi haga dwar dak li qallu l-arrestat, qal li le, kien hemm notamenti normali, anzi kien hemm indikat li meta gie offrut kura jew medicina qal le. Qal li c-cella fejn kien rieqed l-arrestat hi zghira u l-materjal tas-sodda fih il-hadid u l-injam.

[33] Seduta tal-15 ta' Lulju 2016.

**PS 820 Jonathan Vella** (fol 636-641)[34] qal li f'April 2013 kien stazzjonat l-Ghassa r-Rabat. Qal li lil Charles Paul jafu ghax hu kien jigi jiffirma l-Ghassa r-Rabat Ghawdex. Dakinhar tal-15 ta' April hu kien xoghol u rcieva telefonata bir-*radio* mis-Surgent 715 fejn qallu biex johorgu jwaqqfu lil Charles Paul li kien tiela' minn Marsalforn. Spjega li hu kien wahdu l-Ghassa, ghalaq is-*safe* u hareg barra, ra lil Charles Paul ghaddej bi *speed* eccessiv gej minn Triq il-Kapuccini minn Marsalforn direzzjoni lejn ir-Rabat. Qal li aktar tard kienu gew l-Ghassa b'Charles Paul Muscat fejn ghamlulu l-*breathaliser*.

**In kontro-ezami** qal, lil Charles Paul qal li rah xi ghoxrin metru 'il fuq mill-Ghassa, u mistoqsi jekk fil-proceduri kriminali kienx qal li erba' metri biss kien hemm qal li mhuwiex minnu.

**PS 581 Loreto Buttigieg** xehed (fol 646-652)[35] qal li fil-15 ta' April 2013 kien qed jaghmel *patrol* l-Imgarr meta gie mitlub l-assistenza u meta mar fuq il-post fl-appartament ta' Charles Paul Muscat sab lil Charles Paul immanetjat fuq is-sodda. Qal li hu m'ghamel xejn, kien biss prezenti, u mbaghad bdew is-*searches*. Qal li meta waslu fl-ahhar *searches* fl-ahhar kmamar, qalulu li seta' jmur. Semma li kien ra l-hmura ma' dahar Charles Paul Muscat. Qal li hu ma dahalx fil-kaz tar-rikorrent, lanqas jaf ghaliex kien immanetjat. Semma li kien hemm ukoll is-Surgent 715 prezenti u mistoqsi rrimarkax ma' dan is-Surgent dwar il-hmura li ra f'dahar Charles Paul qal li dakinhar le ma qallu xejn.

[34] Seduta tat-30 ta' Marzu 2017.
[35] Seduta tas-16 ta' Mejju 2017.

**WPC 133 Althea Sammut** xehdet (fol 653-658)[36] u qalet li fis-1.30 ta' filghodu fil-15 ta' April kienet ma' PS581 u PC1053 bil-karozza tas-servizz meta ntalbu l-assistenza, ghalhekk saqu ghax-Xlendi u telghu t-tarag tal-appartament indikat u sabu l-bieb miftuh u ma tantx qaghdet fejn ir-rikorrent peress li kien bil-*boxers*, izda meta ghadda minn hdejha innutat selha go dahru. Semmiet li mbaghad bdew jaghmlu s-*searches* fl-appartament sa ma' s-Surgent 581 qalilhom li setghu jmorru.

**PC 1053 Michael Falzon** xehed (fol 660-663)[37] u qal li hu xufier tas-Superintendent. Spjega li fil-lejl ta' bejn l-14 u l-hmistax ta' April kienu *patrol* l-Imgarr x'hin sejhulhom ghall-assistenza u s-Surgent qallu biex isuq immedjatament ghax-Xlendi. Meta waslu u dahlu fl-appartament ta' Charles Paul kien immanetjat fuq is-sodda u ma kien qed ighid xejn, u peress li kien minghajr flokk innutalu dabra f'dahru. Qal li mbaghad telqu u komplew in-*night watch*.

Gie esebit rapport tal-espert medikolegali **Dr Mario Scerri** nominat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif ukoll it-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu quddiem dik il-Qorti a fol 326 tal-process fejn ezamina r-ritratti esebiti mill-Ispettur Frank Tabone dwar il-kompatibilita' tal-griehi murija fir-ritratti. Ikklassifika l-griehi bhala griehi hfief.

[36] Seduta tas-16 ta' Mejju 2017.
[37] Seduta tal-20 ta' Gunju 2017.

## FIL-MERTU

## KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI RIGWARD IL-MERTU

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina l-konsegwenzi legali li johorgu mill-fatti tajjeb pero` li tifli sew il-verzjonijiet tal-partijiet biex tara liema wahda hi l-aktar kredibbli, verosimili w attendibbli fic-cirkostanzi. Il-principju regolatur jibqa’ illi min jallega irid jipprova. Issa ghal dak li jirrigwarda allegazzjoni ta' tortura, trattament inuman u degradanti, gew stabbiliti certu regoli mill-Qorti ta' Strasbourg dwar il-grad u l-onere tal-prova li ser jigu trattati aktar 'il quddiem.

Il-partijiet jaghtu verzjonijiet kontrastanti sa l-ahhar dwar dak li sehh fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' April 2013. Ghalhekk l-ewwel punt li jrid jigi stabbilit huwa liema verzjoni ssib li hija l-aktar kredibbli. Jekk hija dik imressqa mir-rikorrent, allura din il-Qorti inevitabbilment ghandha tasal ghall-konkluzjoni li l-Pulizija ffabrikaw l-insegwiment minn Marsalforn ghax-Xlendi u dahlu fl-appartament tieghu abbuzivament u illegalment minghajr is-sahha u l-protezzjoni tal-Ligi. Konsegwentement ukoll l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent ma kienu xejn hlief montatura - foloz u doluzi.

Min-naha l-ohra, jekk il-verzjoni tal-Pulizija hija dik l-aktar kredibbli, isegwi li hija wkoll kredibbli t-tezi tal-Pulizija li meta dahlu bil-forza fid-dar tar-rikorrent u arrestawh, agixxew fuq suspett ragjonevoli li seta' jiggustifika l-isgass, l-arrest u t-tfittxija fl-appartament ta' Charles Paul Muscat.

Izda b'hekk ma jsegwix necessarjament li din il-Qorti ghandha *a priori* tiskarta l-verzjoni tar-rikorrent dwar it-trattament li ssubixxa waqt l-arrest. Tibqa' li tigi investigata l-kwistjoni tal-allegat trattament inuman u degradanti imressaq mir-rikorrent kontra t-tliet pulizija imsemmija fir-rikors promotur. Indipendentement minn kull kwistjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-irruzzjoni fis-sieghat bikrija ta' filghodu fid-dar tar-rikorrent, hemm il-kwistjoni jekk it-trattament tar-rikorrent f'idejn dawn il-pulizija qabez il-limiti sanciti bil-Ligi sal-punt li gew vjolati d-drittijiet tieghu ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti.

Fl-ahhar jibqa' ukoll il-kwezit dwar l-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija tramite l-*Internal Affairs Unit (IAU)* u mill-Ufficjali tal-Pulizija li gew inkarigati mill-Kummissarju tal-Pulizija, fuq l-*e-mail* kunfidenzjali mibghuta *tramite* l-Avukat Tonio Azzopardi.

**Il-Grad tal-Prova**

Kif gie ribadit mill-Qorti Ewropea gja fis-sena 1978 fil-kaz **Ireland v United Kingdom**[38] *"The Court agrees with the Commission's approach regarding the evidence on which to base the decision whether there has been violation of Article 3 (art. 3). To assess this evidence, the Court adopts the standard of proof "beyond reasonable doubt" but adds that such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. In this context, the conduct of the Parties when evidence is being obtained has to be taken into account*."

[38] 18 January 1978, § 161, Series A no. 25;

Madanakollu l-Qorti Ewropea taghmel distinzjoni fejn il-provi huma fil-parti l-kbira fil-kontroll tal-awtoritajiet, ad esempju, f'kaz ta' tortura jew trattament inuman u degradanti inflitt waqt kustodja jew detenzjoni.

F'dan is-sens gie rietnut: "*Where the events in issue lie wholly, or in large part, within the exclusive knowledge of the authorities, as in the case of persons within their control in custody, strong presumptions of fact will arise in respect of injuries occurring during such detention. Indeed, the burden of proof may be regarded as resting on the authorities to provide a satisfactory and convincing explanation (see* ***Salman v. Turkey*** *[GC], no. 21986/93, § 100, ECHR 2000-VII, and* ***Varnava and Others v. Turkey*** *[GC],nos. 16064/90,16065/90, 16066/90,16068/90, 16069/ 90,16070/90, 16071/90, 16072/90 and 16073/90, § 183, ECHR 2009). Similarly, where an individual is taken into police custody in good health and is found to be injured on release, it is incumbent on the State to provide a plausible explanation of how those injuries were caused (see, among other authorities,* ***Aksoy v. Turkey****, 18 December 1996, § 61, Reports 1996-VI;* ***Selmouni,*** *cited above, § 87; and* ***Gäfgen v. Germany*** *[GC], no. 22978/05, § 92, ECHR 2010-...). Otherwise, torture or ill-treatment may be presumed in favour of the claimant and an issue may arise under Article 3 of the Convention (see Mikheyev v. Russia, no. 77617/01, § 127, 26 January 2006).*"

Dwar l-istandard ta' *"beyond reasonable doubt"* fil-*partly dissenting opinion* tieghu, l-Imhallef Malti fuq il-Qorti ta’

Strasbourg, l-Avukat Dott. Giovanni Bonello, fil-kaz **Sevtap Veznedaroglu v. Turkey** deciza fil-11 ta' April 2000 kiteb:

*"12. Proof "beyond reasonable doubt" reflects a maximum standard relevant and desirable to establish criminal culpability. No person shall be judicially deprived of liberty, or otherwise penally censured, unless his guilt is manifest "beyond reasonable doubt". I subscribe to that stringent standard without hesitation. But in other fields of judicial enquiry, the standard of proof should be proportionate to the aim which the search for truth pursues: the highest degree of certainty, in criminal matters; a workable degree of probability in others.*

*"13. Confronted by conflicting versions, the Court is under an obligation to establish (1) on whom the law places the burden of proof, (2) whether any legal presumptions militate in favour of one of the opposing accounts, and (3) "on a balance of probabilities", which of the conflicting versions appears to be more plausible and credible. Proof "beyond reasonable doubt" can, in my view, only claim a spurious standing in 'civil' litigation, like the adversarial proceedings before this Court. In fact, to the best of my knowledge, the Court is the only tribunal in Europe that requires proof "beyond reasonable doubt" in non-criminal matters.*

*"14. Expecting those who claim to be victims of torture to prove their allegations "beyond reasonable doubt" places on them a burden that is as impossible to meet as it is unfair to request. Independent observers are not, to my knowledge, usually invited to witness the rack, nor is a*

*transcript of proceedings in triplicate handed over at the end of each session of torture; its victims cower alone in oppressive and painful solitude, while the team of interrogators has almost unlimited means at its disposal to deny the happening of, or their participation in, the gruesome pageant. The solitary victim's complaint is almost invariably confronted with the negation "corroborated" by many."*

L-Imhallef Giovanni Bonello kien qed jikteb dwar kaz ta' tortura mentri fil-kaz odjern, kif ser jirrizulta, din il-Qorti ser tezamina l-ilment taht l-ottika ta' trattament inuman u/jew degradanti. Fil-kawza fl-ismijiet **Meinrad Calleja v. Kummissarju tal-Pulizija et.** deciz fid-19 ta' Frar 2008, il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet: "*Ghalkemm fil-kaz in dizamina l-appellat Calleja ma hux qed allega xi forma ta' tortura, izda biss"* (sic) *"trattament inuman u degradanti, din il-Qorti taqbel li, bhala regola, l-uzu ta' l-espressjoni 'beyond reasonable doubt' ghall-finijiet ta' prova mhux biss fil-kuntest ta' kawza ta' indoli civili izda aktar u aktar meta si tratta ta' xi haga li spiss tkun avverat ruhha b'tali mod li jista' jkun qed isir minn kollox biex il-fatti jigu mistura – din il-Qorti taghmilha cara, sabiex ma tigix fraintiza, dan ma hux il-kaz odjern, cioe` ta' Calleja – ma hux desiderabbli. Il-prova li r-rikorrent appellat kien jehtieglu jaghmel f'dan il-kaz kienet biss dik sal-grad tal-probabbli. S'intendi, trattandosi ta' allegazzjoni serja, dan ifisser li l-Qorti trid tkun kawta qabel ma taccetta dak li jghid xhud bhala li hu minnu. Hekk ghamlet il-Prim Awla tal-Qorti Civili f'dan il-kaz, u hekk sejra taghmel ukoll din il-Qorti. Ghall-kompletezza ghandu jinghad li aktar recentement, cioe` fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2005 fil-kaz* ***Nachova and others***

***v. Bulgaria** il-Qorti ta' Strasbourg (bhala Grand Chamber) ippruvat tispjega l-uzu tal-espressjoni "beyond reasonable doubt" hekk:*

*"147. It notes in this connection that, in assessing evidence, the Court has adopted the standard of proof "beyond reasonable doubt". However, it has never been its purpose to borrow the approach of the national legal systems that use that standard. Its role is not to rule on criminal guilt or civil liability but on Contracting States' responsibility under the Convention. The specificity of its task under Article 19 of the Convention – to ensure the observance by the Contracting States of their engagement to secure the fundamental rights enshrined in the Convention – conditions its approach to the issues of evidence and proof. In the proceedings before the Court, there are no procedural barriers to the admissibility of evidence or pre-determined formulae for its assessment. It adopts the conclusions that are, in its view, supported by the free evaluation of all evidence, including such inferences as may flow from the facts and the parties' submissions. According to its established case-law, proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. Moreover, the level of persuasion necessary for reaching a particular conclusion and, in this connection, the distribution of the burden of proof are intrinsically linked to the specificity of the facts, the nature of the allegation made and the Convention right at stake. The Court is also attentive to the seriousness that attaches to a ruling that a Contracting State has violated fundamental rights (see, among others, **Ireland v. the***

***United Kingdom,*** *judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, pp. 64-65, § 161;* ***Ribitsch v. Austria,*** *judgment of 4 December 1995, Series A no. 336, p. 24, § 32****; Akdivar and Others v. Turkey,*** *judgment of 16 September 1996, Reports 1996-IV, p. 1211, § 68;* ***Tanli v. Turkey****, no. 26129/95, § 111, ECHR 2001-III; and* ***Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia*** *[GC], no. 48787/99, § 26, ECHR 2004-VII)."*

Il-Qorti ser taddotta l-principji hawn fuq enuncjati fl-apprezzament taghha tal-provi prodotti. Difatti hija tal-fehma li ghandha l-ewwel tezamina z-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza u permezz ta' *"rebuttable presumptions."* Fejn tista' tigbed inferenzi minn xi provi, allura l-piz jinkombi fuq il-parti l-ohra biex tirribattihom.

**Id-Dinamika tal-Incident**

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Middlesea Insurance plc vs Joseph Galea et** (20.01.2003) *"jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika tal-incident b'kull element ta' prova a disposizzjoni taghha".*

Illi din il-Qorti tghid minghajr tlaqliq li tilqa' bhala veritiera l-verzjoni tal-intimat dwar l-insegwiment minn Marsalforn sax-Xlendi li wassal lit-tliet Pulizija, PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia sabiex jidhlu bil-forza fl-appartament ta' Charles Paul Muscat ix-Xlendi fis-sighat bikrija fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' April 2013.

Qabel xejn jigi osservat li r-rikorrent fin-narrativa tieghu, accenna ghal xi allegat "mibgheda"[39] li seta' kellu PC138 Joseph Portelli kontrih. Madanakollu kemm **PC870 Ruben Farrugia** kif ukoll **PS715 Lucian Gatt** ikkorroboraw lil PC138 u jekk kien hemm xi atrit bejn ir-rikorrent u PC138, li tishaq tghid ma giex ppruvat, zgur ma jirrizulta xejn minn dan kontra l-Pulizija l-ohra imsemmija li, allura, m'ghandhomx jigu addebitati bl-ebda motivazzjoni hazina kontra l-persuna ta' Charles Paul Muscat. Inoltre **PC820 Jonathan Vella** ukoll identifika pozittivament lir-rikorrent li rah ghaddej "*bi speed eccessiv gej minn Triq il-Kapuccini minn Marsalforn direzzjoni lejn ir-Rabat.* "

Dwar l-insegwiment **PC 870 Reuben Farrugia** spjega x`gara dak in-nhar:

> *"Mela fl-14 ta' April tat-2013 konna ghaddejjin patrol minn Marsalforn ghal habta ta' nofsillejl neqsin ghaxra u innotajna vettura b' 114 li tghajjat lil Charles Paul Muscat ipparkajta quddiem ta' Leli l-Malti – Leli Mercieca. Peress li naf li qieghed fuq bail condition is-Surgent iccekkja ma' l-Ghassa ir-Rabat biex jara sa x' hin ghandu hin, u mill-Ghassa ir-Rabat qalulu sa nofsillejl. U s-Surgent qalilna baqa' ghaxar minuti, u f' ghaxar minuti jilhaq jidhol id-dar; u komplejna ghaddejjin bil-patrol taghna. F'xi s-siegha konna erga' ghaddejjin minn Marsalforn u ahna u tielghin minn Manuel Magro Street rajna l-vettura gejja ghal go fina misjuqa minn Charles Paul. Jiena hrigt minn gol-vettura biex nipprova inwaqqfu. Dan, kif hrigt minn gol-vettura dan saq ghal fuqi u li kieku ma warrabtx*

[39] Dikjarazzjoni a fol 360 (anness mal-*email* lill-Kummissarju).

*jien kien itajjarni. Sadanittant irkibt gol-vettura - gol-vettura tas-servizz ergajt, dawwart - Joey il-138 li kien qed isuq dawwar u soqna ghal warajh. Inzilna; nizel one way minn St Mary Street, ahna sintendi xghelna l-beacon light u inzilna ghal warajh u hu gibed ghal gol-parking. X' hin gibed ghal gol-parking ahna ghaddejna minn Rabat Road biex nipprovaw nergghu nghalqulu t-triq x' hin hiereg mill-parking ta' Marsalforn. Dan x' hin sab it-triq maghluqa rega' ghafas il-gass iktar tal-karozza u s-Surgent qal lil Joey, qallu "irriversja irrivirsja, qallu ghax ghal go fina." U Joey irriversja u bdejna chase minn Marsalforn sax-Xlendi. Dan sadanittant ahna qbadna bir-radio l-Ghassa r-Rabat biex ninformahom li qeghdin' chase' wara din l-imsemmija vettura biex jekk jista' johorgu b' vettura ohra biex jaghtuna l-assistenza. Imma minn l-Ghassa tar-Rabat informana PS 820 illi qeghdin fuq bicca xoghol ohra. Allura PS 820 hareg b' illuminant vest f' salib it-toroq biex jipprova iwaqqfu. Imma baqa' ghaddej u ma kkalkula lil hadd. X' hin waslna ..."*

Din il-verzjoni giet ikkorroborata minn **PS 715 Lucian Gatt:**

***"Ix-Xhud :***
*U ghal habta tas-siegha waqt li konna ghaddejjin bil-vettura gewwa Triq Manuel Magro go Marsalforn stess gejna face to face mieghu, hekk; waqafna forsi ..*
***Il-Qorti :***
*Face to face ma' min?*
***Ix-Xhud :***

*Ma' Charles Paul Muscat, mal-vettura tieghu BON - 114 ..*

***Il-Qorti :***

*Jigifieri z-zewg karozzi – taghkom u ta' Charles Paul qed tghid gew face to face?*

***Ix-Xhud :***

*Ehe, misjuqa minn Charles Paul Muscat. Waqafna hekk bid-dawl tal-vettura taghna lejh u bid-dawl tat-triq, fejn hemmhekk jiena tajt struzzjoni PC 870 biex jinzel mill-vettura taghna halli iwaqqaf lil Charles Paul Muscat. X' hin ezattament PC 870 nizel mill-vettura, dan Charles Paul saq u ghal daqsxejn ma tajjarx lil 870; fejn hu – 870 kellu jersaq lura biex ma jtajrux; u nizel Triq Santa Maria kollha one way. Hemmhekk …*

***Il-Qorti :***

*Jigifieri kontra l-one way jew ...? meta tghid "one way"*

***Ix-Xhud :***

*Kontra.*

***Il-Qorti :***

*Kontra?*

***Ix-Xhud :***

*Kontra; mhux suppost. U hemmhekk bdejna c-chase taghna. Xeghelna l-beacon lights u bdejna insuqu warajh. Hu kiser lejn il-parking ta' Marsalforn u ahna ksirna 'il fuq lejn Rabat Road. Hemmhekk hemm roundabout u sakkarna t-triq – ghalaqna t-triq bil-vettura taghna; ghax hu mbaghad mill-parking rega' kiser ghal fuqna. Dak il-hin jiena x' hin rana bil-beacon lights u ghalaqna t-triq ghafas aktar il-gass*

> *Charles Paul, zied fl-ispeed fejn jiena tajt struzzjonijiet lil PC138 ghax kien qed isuq hu u ghedtlu "ersaq lura ghax ser jifqana"; fejn infatti bil-kemm kemm ghadda. Hemmhekk imbaghad saq lejn ix-Xlendi".*

Huwa pacifiku li Charles Paul Muscat kien maghruf ghall-Pulizija u ghalhekk gjaladarba li gew wicc imb'wicc mieghu ma kienx hemm dubju ghalihom li kien hu li kien qed isuq il-vettura.

Kontra din ix-xhieda, ir-rikorrent ressaq bazikament zewg xhieda - huh Roderick Muscat u, iktar importanti, lill-Sonia Vella li tressqet biex taghti x-xhieda taghha fil-pendenzi tal-proceduri. Dawn l-*alibis* forniti*,* fil-fehma ta' din il-Qorti, mhumiex attendibbli.

**Roderick Muscat** xehed li kien qieghed mar-rikorrent fl-appartament tieghu x-Xlendi sal-12.45 am u allura, wiehed jifhem, ma setax ikun hu qed isuq mat-toroq ta' Marsalforn.

**Sonia Vella** tat narrativa li, ghal din il-Qorti, hija ferm inverosimili u inkredibbli. Hi xehdet li hatfet il-*mobile* minn idejn Charles Paul u c-cavetta tal-karrozza mill-but. Dwar il-*mobile* u c-cavetta l-Qorti ser tikkummenta 'il quddiem. Spiccat ghand Emmanuel Mercieca f'Marsalforn. Sussegwentement tistqarr li kienet hi li saqet il-vettura insegwita mill-Pulizija. Biex jinghad kollox, hi semplicement xehdet li l-Pulizija segwewha minghajr ma semmiet li ghaddiet kontra sens uniku, jew li saqet bi *speed* eccessiv, jew li saqet ghal fuq il-Pulizija jew injorat *road check-* fatti li jirrizultaw mix-xhieda tal-erba' Pulizija imsemmija.

Madanakollu l-Qorti tinnota li kien hemm zewg xhieda li ma gewx prodotti, l-ewwel wiehed kien **John Sultana** li, skont ir-rikorrent, kien mieghu sal -11.30 ta' filghaxija fil-Paradiso, x-Xlendi, u t-tieni xhud kellu jkun Emmanuel Mercieca nnifsu.

Jirrizulta li Mercieca xehed fil-proceduri inkorsi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fejn ikkonferma li Charles Paul Muscat kien, fil-fatt, mieghu Marsalforn. Din ix-xhieda, li ma gietx ikkontestata quddiem din il-Qorti, ghandha tinghata l-piz taghha u twaqqa' x-xhieda kollha moghtija minn Sonia Vella. Mhux talli hekk izda permezz tas-sentenza moghtija fil-25 ta' April 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Pulizija ta' Gudikatura Kriminali, ippresjeduta mill-Magistrat Josette Dmeicoli, fil-kawza fl-ismijet **Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone v Charles Paul Muscat** [40], l-akkuzat instab hati talli fl-20 ta' April 2014 hedded lil Emmanuel Mercieca, xhud tal-prosekuzzjoni fir-rigward tax-xhieda li kellu jaghtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Il-Qorti kkonsidrat li Charles Paul Muscat kien allega li kien hu li kien gie avvicinat mix-xhud izda mic-CCTV jidher il-kontra. **Ghalhekk Charles Paul Muscat ma qalx il-verita' quddiem dik il-Qorti**. Qed issir referenza ghal din is-sentenza billi x-xhieda ta' Emanuel Mercieca kienet inghatat ukoll fil-proceduri kontra Charles Paul Muscat, fejn ikkonferma li Muscat kien mieghu Marsalforn kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent f'dawn il-proceduri. Ma kien hemm xejn xi jzomm lir-rikorrent milli jipproduci lill-Emmanuel Mercieca quddiem din il-Qorti sabiex tiehu

[40] Esebit a fol 166 *et seq*. tal-process.

konjizzjoni direttament tax-xhieda tieghu. Din il-mankanza ddajjef il-kaz tieghu ghal dak li jirirgwarda l-presenza tieghu f'Marsalforn, l-insegwiment u l-ksur tal-kondizzjoni tar-rinkazar.

Inoltre l-Qorti tista' tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-Magistrat Demicoli dwar il-veracita' tax-xhieda ta' Charles Paul Muscat li kienet ikkontrastata mill-prova tal-*footage* tal-CCTV.

Giet esebita wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kawza kontra Charles Paul Muscat deciza fis-27 ta' Marzu 2018 (fol 720) fejn gie premess li l-Qorti saqet hi stess mill-postijiet kollha indikati fil-process biex tkun tista' tambjenta ruhha ahjar waqt l-analizi tal-provi. Il-Magistrat Joseph Mifsud qal hekk fuq **Sonia Vella:**

*"Il-Qorti se tislet fit-tul mix-xhieda li tat Sonia Vella minhabba l-importanza li tat id-difiza ghax-xhieda taghha fejn anke qeghda ssostni li kienet hi dak il-lejl bil-karrozza tal-imputat Charles Paul Muscat u mhux hu.[41]" .... "Ix-xhieda ta' Sonia Vella li lill-imputat haditlu c-cwievet tal-karozza u l-mobile biex semplicement marret dawra mix-Xlendi sa Marsalforn u lura u mbaghad erhitilha ghall-port tal-Mgarr bil-mixi biex taqbad il-vapur ghal Malta u ghaddiet minn fuq il-blat min-naha tal-Munxar minflok ma qabdet l-iqsar rotta, mit-Triq tax-Xlendi, ma taghmilx sens u mhix titwemmen. Ix-xhieda taghha hi kontradetta mix-xhieda tal-erba' ufficcjali tal-pulizija PS715, PC138, PC870, u PS820 li dak il-lejl gharfu lill-imputat li kien isuq il-karozza u mhux hi u mix-xhieda ta' Emanuel Mercieca li xehed li dak il-lejl*

[41] Ix-xhieda taghha ttiehdet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015

*kien l-imputat biss li cempillu u mar ikellmu. Ix-xhieda taghha mhi bl-ebda mod korroborata mill-verzjoni li ta l-imputat waqt l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija meta mar jirraporta u ghamel allegazzjonijiet serji dwar swat u tortura fuqu fil-konfront ta' tlett ufficjali tal-pulizija.* ***Il-Qorti se tordna li Sonia Vella tkun investigata dwar xhieda falza li tat f'dawn il-proceduri."***

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fis-shih. Jirrizulta li l-Pulizija ppruvaw li Charles Paul kien f'Marsalforn mhux biss mix-xhieda okulari tal-Pulizija imma anke permezz tal-*localisation* tal-*mobile* tieghu u fid-dawl tax-xhieda ta' Emmanuel Mercieca u tal-fabbrikazzjoni tax-xhieda ta' Sonia Vella **.**

Dwar il-*mobile*, fl-istqarrija tieghu rrilaxxjata fl-24 ta' Mejju 2013, ir-rikorrent (a fol 65) jghid hekk:

*T. Nghid li jiena f'Marzu li ghadda kont tlift il-mobile u irrapurtajtu gewwa kazin ta' Sannat. Hemmhekk tlift ic-cwievet tal-karozza u tlift il-kartiera wkoll. <u>Dakinhar jiena ghamilt rapport tal-mobile</u> minhabba li bil-kuntratt u aktar minn hekk ghax kelli l-videos u r-ritratti tat-tfal li tant huma ghal qalbi. Ghamiltu biex forsi jintercettaw il-mobile u qaluli li ghandi hames xhur biex jinfetah file Malta u c-cavetta u l-kartiera ma rrapurtajthomx .... Bhala cavetta ma rraportajtiex ghax kelli l-ispare biss nghid li kont diga' indunajt li l-karozza tieghi giet minsusa xi gimgha wara li tliftha ghax sibta ipparkjata mhux fejn hallejtha jien. Nghid li lanqas dakinhar ma ghamilt rapport ghax ma kontx cert u fuq wara tal-karozza kitbuli 'Fuck you'. Nghid li l-karozza fil-*

*lejl imsemmi nghid li giet misjuqa minn xi hadd iehor probabbli mill-istess bniedem li messieli darb'ohra ...*
*M. Jigifieri ma tafx kif il-karozza tieghek spiccat Marsalforn dak in-nhar?*
*T. Nghid li le, pero' li nixtieq inzid illi x'hin hrigt mal-pulizija wara s-search innutajt li l-karozza kienet qeghda thares lejn direzzjoni ohra minn kif hallejtha jien."*

Il-Qorti tinnota li hawn lanqas biss isemmi lil Sonia Vella - punt li mhuwiex spjegat meta skont hi, hatfitlu l-*mobile* minn idejh dik in-nhar stess, flimkien mac-cavetta mill-but. Jghid minflok li l-*mobile* insteraqlu f'Marzu mentri mix-xhieda ta' Sonia Vella jirrizulta li kellu *mobile* f'idu u kien qed jitkellem ma' xi hadd meta Vella allegatament hatfitulu. Isemmi li l-karrozza giet misjuqa "*probabbilment mill-istess bniedem li missieli darb'ohra"* minghajr ma jsemmi lil Sonia Vella li tfaccat wara li l-proceduri kienu gja gew istitwiti kemm fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif ukoll f'din il-Qorti.

Inoltre dwar ic-cwievet issib inkonsistenzi bejn ix-xhieda ta' Roderick Muscat u l-istqarrija imsemmija tar-rikorrent. Difatti huh jghid li r-rikorrent halla l-mazz tac-cwievet fil-Bar u meta Charles Paul cempillu ghac-cwievet qallu bihom. Fl-istqarrija, Charles Paul ma jsemmi xejn minn dan, anzi bil-kontra, jghid li tilifhom. Dan wassal lill-Magistrat Mifsud biex jinnota li kien hemm "k*untrast f'dak li qal l-imputat a tempo vergine ftit sighat wara l-kaz u dak li qal fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.* ***L-imputat kien jaf min hadlu c-cwievet u l-mobile kif iddikjara fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti jew ma kienx jaf min hadhomlu kif***

***iddikjara fl-istqarrija li ta lill-Pulizija?"* (enfasi ta' dik il-Qorti).**

**Il-Qorti taghmel taghha dan il-hsieb u mill-assjem tal-provi tikkonkludi li t-tezi tal-Pulizija hija aktar kredibbli u verosimili.**

Dan kollu jinduci lill-Qorti biex tislet is-segwenti konkluzjonijiet

- li Charles Paul Muscat kiser il-kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest *stante* li kien barra mid-dar wara nofsillejl;
- li taccetta l-verzjoni tal-Pulizija li saq b'mod perikoluz u b'velocita` eccessiva, li sar kontra *road check,* u kontra triq senjalat b'*one way';*
- li taccetta l-verzjoni ta' PC 870 Ruben Farrugia li Charles Paul Muscat saq ghal fuqu u ghalhekk ipperikola hajtu;
- li meta kien Marsalforn kien fil-kumpanija ta' persuna maghrufa ukoll lill-Pulizija minhabba reati konnessi ma' droga.

**Dan kollu jinduci lil din il-Qorti biex taccetta li meta l-Pulizija dahlu fl-appartament ta' Charles Paul Muscat, kellhom suspett ragjonevoli li kkommetta reat jew li kellu fil-pussess tieghu sostanzi illegali *stante* l-imgieba suspettuza tieghu waqt l-insegwiment. Issib minnufih li kienu fil-pjeni limiti tal-awtorita' taghhom biex jidhlu u anke jidhlu armati, wara li sahansitra kien saq ghal fuq wiehed minnhom, PC870, u dan sabiex jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jassiguraw li Muscat ma kienx ta' periklu ghalihom. B'dana kollu, dawn ic-cirkostanzi, ghalkemm rilevanti, mhumiex**

**wahidhom bizzejjed biex jiggustifikaw trattament li jaqbez il-limiti konsentiti mill-Konvenzjoni li xorta jrid jigi investigat.**

**L-Ewwel Talba - Protezzjoni minn Trattament Inuman u Degradanti - Allegat Ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Ikkonsidrat li skont l-**Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea " *Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."***

Id-dritt sancit bl-artikolu 3 huwa wiehed mid-drittijiet l-aktar fondamentali protetti mill-Konvenzjoni flimkien mad-dritt ghall-hajja. Id-dritt huwa wiehed assolut u jimponi wkoll obbligazzjonijiet pozittivi procedurali fuq l-Istat sabiex jipprevjeni li dan isir u li jinvestiga minghajr dewmien kull kaz fejn dan isehh.

Biex jinsab li ikun hemm trattament inuman jeħtieġ li jkun hemm "*severe suffering*" kif ukoll ghandu jirrizulta li kien hemm "*a minimum level of severity*." Dan l-eżami huwa wieħed relattiv u jiddependi ovvjament miċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-kaz.

Hekk fil-kaz **Kudla v Poland** [42] il-Qorti Ewropea rritiniet :

*"1. However, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things,*

[42] Deciz fis-26 ta' Ottubru 2000 (App. Nru. 30210/96)

*relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment, the manner and method of its execution, its duration, its physical or mental effects and, in some instances, the sex, age and state of health of the victim (see, for example, the* ***Raninen v. Finland*** *judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55)..... . It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them."*

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz **ADEN AHMED v. MALTA**[43] *(App. no. 55352/12)* fissret il-protezzjoni akkordata bl-artikolu 3 fis-segwenti termini:

"2. *The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. <u>Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3.</u> However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see*

[43] Deciza fid-9 ta' Dicembru 2013

*Riad and Idiab v. Belgium, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008)."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk sabiex jista' jinghad li hemm ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jehtieg li r-rikorrent jipprova li t-trattament qabez *the minimum level of severity* kkontemplat mill-Konvenzjoni.

Ir-rikorrent ta deskrizzjoni dettaljata tat-trattament li ssubixxa f'idejn it-tliet Pulizija fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti a fol 383 tal-process :

"*nara tlieta dehlin wiehed kien bil-pistola ippuntata lejja. Qalli biex ma nitharrikx. Jien ma tharriktx. Inlaqqat daqqa go ghajni. Jigifieri f'kemm ili nghidlek tefghuni mal-arti qisni ma jien xejn! Gejt b'sidri catt ma l-art......Fuq l-id tax-xellug sibt PC Ruben .. u fuq in-naha l-ohra lil PC Joseph...tela' b'irkopptu hekk fuqi..."*

**Qorti :** *Fuq dahrek jigifieri?*

**Xhud :** *Fuq dahri. Bdew jiggieldu qishom tfal zghar min ha jimmantejani. ..Isabtuni mal-art. F'hin minnhom fethuli saqajja, li hemmhekk twerwirt, speci ghidt gejja xi tip ta' tortura. Ma stajtx niftahom izjed saqajha. ..Biex ma ntawwalx immanettjawni, bdew iqajmuni, jergghu jsabtuni ghall-art kemm-il darba. Jergghu iqajmuni u jergghu isabtuni ghall-art. Sabtuni diversi drabi ghal gos-sodda. Reuben offendieni b'ommi. X'hin ghidtilhom 'Ghalfejn qeghdin taghmluli hekk?' qaluli ' Le ma tafx ghalfejn ja pulcinell.' Qalli: 'Hej Charles Paul bniedem ta' integrita' hej'. Qalli 'mur hares wiccek gol mera ja pulcinell.' U beda jghidieli kemm-il darba dan Joseph."*

Qal ukoll li PS Lucian imblokka l-kurudur.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata fl-24 ta' Mejju 2013 a fol 61 jghid "*Joseph pogga fuq gembi waqt li jien kont catt mal-art u ma stajtx nitharrek..Waqt li kien fuq gembi Joseph beda jsabbatli rasi mal-art ghal diversi drabi, jien nikkalkula ghal xi disgha jew ghaxar darbiet, filwaqt li beda jghajjat mal-pulizija l-ohra sabiex jimmanettjawni. Jien ma offrejt l-ebda rezistenza fl-ebda hin....Persunti qisha gozz ghadam u pespus bhali mhux se jehodha ma xi hadd ahseb u ara ma tliet pulizija trenjati, u barra minnhekk naf li PC Joseph huwa trenjat fil-karate bhala black belt....Huma komplew ituni go dahri, jsabbtuli rasi mal-art u daqqiet gejjin minn kullimkien."*

Din l-Istqarrija inghatat fi zmien aktar bikri ghall-incident izda ix-xhieda moghtija minn Muscat quddiem din il-Qorti bazikament tikkonferma dak mistqarr minnu.

Anke minn konsiderazzjoni preliminari ta' din ix-xhieda, il-Qorti ma tarax kif it-trattament kkontemplat mir-rikorrent jista' jigi kkonsidrat bhala *tortura* fis-sens *ta' "deliberate inhuman treatment causing very serious and cruel suffering"*[44] ghalkemm, jekk ippruvat, jistgha jaqa' fid-definizzjoni ta' *trattament inuman u degradanti* jekk jilhaq il-grad ta' severita` kkontmeplata fil-Konvenzjoni*.* Anke theddida ta' tortura "*provided that is 'sufficiently real and immediate may generate enough mental suffering to be inhuman treatment.'*[45]

---

[44] **Ireland v UK** -A 25(1978)2, EHRR
[45] **Harris O'Boyle & Warbrick** -***Law of the European Convention of HUman Rights*** (3rd Ed) p 241

Il-Qorti Ewropea fil-kaz **VC v Slovakia**[46] wara li irriteniet li n-nuqqas ta' prova li l-agenti tal-Istat kellhom l-intenzjoni li jumiljaw jew jiddegradaw lill-vittma, ma jwassalx necessarjament ghall-eskluzjoni ta' ksur tal-artikolu 3, tat diversi ezempji ta' f'xiex jikkonsisti *"bodily harm of a certain degree of severity":*

*"3. Treatment of a person by State agents has been considered to raise an issue under Article 3 when it resulted in bodily harm of a certain degree of severity, such as an injury to a person's leg which caused necrosis and subsequently led to the leg having to be amputated, a gunshot wound to a person's knee, a double fracture of the jaw and facial contusions or an injury to a person's face which required stitches, with three of the person's teeth being knocked out (see* ***Sambor v. Poland****, no. 15579/05, § 36, 1 February 2011;* ***Necdet Bulut v. Turkey****, no. 77092/01, § 24, 20 November 2007; Rehbock v. Slovenia, no. 29462/95, §§ 76-77, ECHR 2000-XII; and Mrozowski v. Poland, no. 9258/04, § 28, 12 May 2009). The Court has further considered the treatment of a person to be capable of raising an issue under Article 3 when, inter alia, it was such as to drive the victim to act against his or her will or conscience (see, for example, Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 110, ECHR 2001-III)."*

Dan l-element ta' gravita' jinsab ribadit ukoll mill-awturi Jacobs & White, fil-ktieb "**European Convention on Human Rights**" (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu:

---

[46] ECtHR - Deciz fit- 28 ta' Novembru 2011(App. Nru. 18968/07).

"*The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross"*

Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza "**Galea vs Segretarju tad-Djar**", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li trattament degredanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita` tal-bniedem. Dawn il-principji ta' intensita' jew severita` gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija"**, minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza "**Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et"**, deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. Instab li kien hemm trattament degradanti per ezempju, instabu fejn sid ta' dar jitkecca mill-istess dar li jkun qed jokkupa, bis-sahha ta' ordni ta' rekwizzjoni, sabiex jigi akkomodat xi hadd iehor ("**Antonio Pace vs Seg. Djar et"**, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Ottubru, 1988, u "**Lucrezia Borg vs Seg. Djar et",** deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru, 1986), jew fejn persuna tigi nterrogata fid-Depot tal-Pulizija minghajr ma tkun infurmata bl-akkuza kontriha jew b'metodi li gew deskritti bhala inumani jew degradanti ("**Tonio Vella vs Bonello",** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 1986, u "**Jimmy Vella et vs Bonello"**, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-3 ta' April, 1997).

Fis-sentenza **Rehbock v. Slovenia** (2000) il-Qorti Ewropea rriteniet li kien hemm trattament inuman b'riżultat ta' l-imġieba tal-Pulizija waqt l-arrest. Is-sentenza tinsab

ikkummentata fil-ktieb ta' **Harris, O'Boyle & Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights"** (Third Edition) p. 243:

*"Similarly, where injuries are sustained not in police custody but in the course of an arrest by the police, 'the burden rests on the Government to demonstrate with convincing arguments that the use of force was not excessive' and was 'indispensable'. This burden was not met by the state in* ***Rehbock v. Slovenia****. There the applicant suffered a broken jaw and facial contusions when, with two others, he was arrested as a suspected drug dealer at a border crossing by a team of thirteen policemen. Given that the police had time to plan the arrest; that the applicant had not resisted arrest; that the government's claim that the applicant's injuries had been caused when he fell against a car was not credible; and that there had been no national court proceedings in which the force used might have been found to have been justified, the Strasbourg Court held that there was a breach of Article 3, the state having failed to furnish 'convincing and credible arguments which would provide a basis to explain or justify the degree of force used'."*

Fil-kaz citat ta' **Rehbock** il-Qorti nnotat li l-arrest sehh waqt operazzjoni ppjanata u rriteniet:

**"***4. In the instant case the applicant was not arrested in the course of a random operation which might have given rise to unexpected developments to which the police might have been called upon to react without prior preparation. The documents before the Court indicate that the police*

*planned the arrest operation in advance and that they had sufficient time to evaluate the possible risks and to take all necessary measures for carrying out the arrest. There were thirteen policemen involved and they clearly outnumbered the three suspects to be arrested. Furthermore, the applicant did not threaten the police officers arresting him, for example, by openly carrying a weapon or by attacking them. Against this background, given the particularly serious nature of the applicant's injury and seeing that the facts of the dispute have not been the subject of any determination by a national court, the burden rests on the Government to demonstrate with convincing arguments that the use of force was not excessive."*

F'**Ribitsch v Austria** [47] intqal:

*"38. The Court emphasises that, in respect of a person deprived of his liberty, any recourse to physical force which has not been made strictly necessary by his own conduct diminishes human dignity and is in principle an infringement of the right set forth in Article 3 (art. 3) of the Convention. "*

Inoltre gie ritenut li malgrad li l-uzu ta' forza jista' jitqies li jilhaq il-grad ta' severita` mahsub mill-Konvenzjoni, jista' xorta jirrizulta li ma kienx hemm lezjoni f'kaz li l-forza ma kenitx wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz. F'din is-sitwazzjoni imbaghad jispetta lill-Istat biex juri li l-forza adoperata ma kenitx eccessiva fic-cirkostanzi.

[47] ECtHR - deciz fl-4 ta' Dicembru 1995 - (App/ Nru. 18896/91).

Illi l-verzjoni tar-rikorrent hija kkorroborata mis-segwenti provi in atti:

- certifikati medici;
- testimonjanzi tad-diversi tobba li kkurawh;
- ix-xhieda tal-istess Spettur Frank Tabone li ralu *black eye* f'ghajnejh meta ttella mil-*lock up*;
- ix-xhieda ta' PC Charlton Xerri (fol 602) li kien dahal *first watch* fil-*lock up* u x'hin hareg ir-rikorrent mic-cella ralu *black eye* f'ghajnejh.

Il-Pulizija imsemmija kollha cahdu li uzaw xi forza fisika ghajr li PC138 qaghad fuq dahru b'irkupptejh. Xehedu li meta dahlu fl-appartament, kien fid-dlam, u Charles Paul baqa' gej ghal fuqhom. Hu ammess li PC 138 Joseph Portelli huwa *black belt* (3 grad) fl-arti marzjali**.** Kemm fix-xhieda tieghu kif ukoll taz-zewg pulizija l-ohra, ddeskrivew li kellhom jissieltu mar-rikorrent sakemm irnexxielhom jaghmlulu l-manetti.

PC138 **Joseph Portelli,** fl-istqarrija tieghu datat t-3 ta' Mejju 2013, (fol 185 *et seq*) qal li "*bdew jghidulu lir-rikorrent biex jinzel mal-art izda hu beda jirezisti l-arrest u baqa' jirrifjuta sabiex jinzel mal art u beda jipprova jaghlaq idejh taht zaqqu u beda jiprova jdawwar irkubtejh il fuq. Jien dak il-hin bdejt naghmel is-sahha b'irkobti fuq darhu filwaqt li PC870 immanettjalu id wahda u bil-mod waqt li baqa' jithabat irnexxielna nimmanettjawh."*

It-tliet Pulizija cahdu li habtulu rasu u li fethulu saqajh. Hemm qbil li kien liebes biss *boxer shorts* sakemm

immannettjawh, u qaghad bil qeghdha fuq is-sodda waqt li fittxulu fl-appartament. Hemmhekk irnexxielu jilbes qalziet.

Illi x-xhieda tar-rikorrent wahdu ma kienx ikun bizzejjed ghal din il-Qorti billi tqies li ma hasibiex darbtejn biex jigdeb dwar jekk kienx Marsalforn jew le, u anke inqabad f'gidba ohra sfaccata mill-Magistrat Josette Demicoli.

Izda wara li rat l-evidenza prodotta, il-Qorti ssib li xi griehi huma kkorroborati b'fatti u inferenzi ohra. Jirrizulta li mar l-Isptar fil-15 ta' April 2013, mibghut mill-Ispettur Frank Tabone. Mhuwiex car jekk marx direttament l-Isptar jew ittiehed minn nannuh Jack Grech. Izda meta kien ghadu fil-*lock up* kellu *black eye* kif ikkorroborat mill-pulizija tal-*lock up* Xerri, u mill-Ispettur Frank Tabone.

Ic-certifikat mediku rilaxxjat fil-15 ta' April 2013 huwa dettaljat u kkorroborat mit-**Tabib Joseph Farrugia**. Hu xehed li ha l-verzjoni ta' Charles Paul *a tempo vergine,* u kiteb dak li kif qallu fejn kien "*allegatament issawwat minn 3 Pulizija waqt li kien id-dar fis-sodda. Qallu li kien forced entry, u hu kiteb id-dettalji ta' x'qallu Muscat 'pushed to the floor, stayed over him, opened his legs, beaten in head, abdomen, over the back. He was pushed to the floor several times and was told (bil-Malti ha nghidha 'mur hares gol mera pulcinell' ".*

Sab li ."*Kellu facial pain over the left eye, kellu headache, kellu dizziness...kellu pain on moving neck in any direction. Pain right back. Pain lower thorax retro external with respiration."* ..." *Nuerologically kien normali; kellu swelling left eye region, ...kellu black eye on the left side. Kellu*

*abrasion, grif, over left scapula, kellu abrasion zghira ta' 2.5 cm; kellu slight redness over the right scapula- il gwejnah. Kellu abrasions right back under scapula.Kellu horizontal curving abrasions taht xulxin up to 6 cm long. Hadtlu x-rays tal-iskull, cervical spine, chest x ray- kollha jidhru normali ."*

Illi ghar-rigward tal-grif fuq id-dahar, Dr Mario Scerri, espert nominat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ikkonferma li dan hu kompatibbli ma' *boot print.* Dr. Farrugia wkoll kkonferma li ra dik il-marka meta gie muri r-ritratt relattiv. Aparti dawn il-provi r-rikorrent esebixxa diversi ritratti li jiddokumentaw il-griehi subiti kif ukoll xehdu t-tobba dwar ir-rikoveru tieghu fl-Isptar minhabba l-anzjeta u t-trawma li sofra kagun tal-arrest.

Ir-rikorrent rega' dahal l-Isptar fit-18 ta' April 2013 fejn gie ccertifikat li kellu tliet tbengiliet fuq in-naha ta' wara tar-ras. Madanakollu billi ma kienx taht il-kustodja tal-pulizija bejn il-15 ta' April sat-18 ta' April 2013, din it-testimonjanza hija ekwivoka u kwindi inaccettabbli.

Illi l-intimat jinsisti li r-rikorrent ma kellux griehi meta ittiehed fil-*lock up* u meta gie mistoqsi jekk kellux bzonn ta' xi haga ma semma xejn.

Minn dawn ic-certifikati u xhieda ssib li gew ippruvati li kellu *black eye* u li kellu marka ta' zarbun fuq dahru u li hadd mill-Pulizija ma ta spjegazzjoni dwar kif saru dawn il-griehi. Dwa il-marka taz-zarbun, ma hemmx prova dwar jekk din il-marka tappartjeni liz-zarbun uzat mill-pulizija.

Effettivament hadd ma eskluda li din il-marka setghet saret minn zarbun goff li jinxtara normali fuq is-suq.

Certament il-fatt li l-pulizija strah irkobtu fuq dahar ir-rikorrent biex izommu mal-art sakemm jimmannettjah ma jipproducix il-*boot print* li jidher fir-ritratti esebiti.

Fic-cirkostanzi il-Qorti hi tal-fehma li waqt l-arrest ir-rikorrent ma seta' joffri l-ebda theddida reali ghall-Pulizija, li kollha ghandhom l-esperjenza ta' diversi snin tas-servizz. Huma dahhlu armati u bis-sahha fl-appartament tieghu. Kellhom *torches* filwaqt li hu kien fid-dlam. Hu ma kienx armat u bil-mod kif kien liebes (qalziet ta' taht) kellu jkun evidenti li ma seta' jahbi xejn fuq il-persuna tieghu.

Is-segwenti fatturi huma pertinenti:

- Ir-rikorrent kien bil-qalziet ta' taht meta dahlu fuqu l-pulizija li rrendietu f'posizzjoni l-aktar vulnerabbli;
- It-tliet pulizija kienu armati *b'torchlights* u *revolvers* filwaqt li hu ma kienx armat.
- Ghalkemm din il-Qorti ma temmnux li kien rieqed ghaliex temmen li kien hu li saq b'velocita eccessiva biex jahrab mill-pulizija, f'ebda mument ma gie ssuggerit mill-pulizija li offra rezistenza ta' natura vjolenti jew aggressiva. F'tali sitwazzjoni l-Pulizija ma kienux iggustifikati li jkomplu juzaw tali forza u sahha;
- li kienu tlieta kontra wiehed ghalkemm tnejn immannettjawh.

Dwar il-manuvra tal-immanettjar, il-pulizija fix-xhieda taghhom sahqu li matul l-istharrig, is-suspettat jitqieghed

fuq *mat* filwaqt li fir-realta, suspettat jigi sfurzat mal-art iebsa.

Min-naha l-ohra, l-Pulizija kienu ghadhom kemm grew wara r-rikorrent, f'insegwiment fejn l-istess rikorrent saq b'manjiera perikoluza, u fis-sighat bikrija ta' filghodu u hu ragjonevoli li tifhem li ma kienux jafu x'kien qed jistennihom meta dahhlu fl-appartament tieghu. L-agir tar-rikorrent irrendih bniedem perikoluz. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ticcensurahom jekk sgassaw biex jidhlu, wiehed minnhom dahal bl-arma ppuntata, u tabilfors kellhom juzaw it-*torches* ghaliex l-appartament kien fid-dlam.

Illi jirrizulta ppruvat li Muscat ittiehed fl-emergenza tal-Isptar f'Ghawdex fil-15 ta' April 2013. Ma hemm l-ebda suggeriment li kellu tbengil fuqu qabel ma sar l-arrest. Da parti tal-Pulizija hemm qbil li kellu "*selha"* fuq dahru - dan hu kkonfermat mill-Pulizija kollha ghalkemm uhud jirreferu ghall-girfa. Hadd mill-Pulizija prezenti waqt l-arrest, inkluz PC 1279 David Theuma Scerri inkarigat mil-*lock up* ma ra bil-*black eye* u hadd mill-Pulizija ma ra fuqu marki kompatibbli ma' qiegh ta' zarbun, precizament *boot print.* Jigi puntwalizzat li hadd mill-partijiet qed jallega li kien il-PC 1279 li kkaguna xi griehi fuq ir-rikorrent.

Meta gie mistoqsi dwar il-*boot print,* PC138 ma tax spjegazzjoni izda tenna li kien ghafaslu dahru b'irkobbtu.

Il-Qorti hija tal-fehma, anke fid-dawl tal-principji enuncjati dwar il-grad u l-piz tal-prova, li x-xhieda medika titfa' l-piz tal-prova fuq il-Pulizija. Izda l-intimat ma offriex spjegazzjoni tal-*black eye* u tal-grif (*abrasions)* u l-ugieghat

li gew allegati u li ddokumentahom it-Tabib Farrugia. Dwar il-*bootprint,* il-Qorti ghamlet l-osservazzjonijiet taghha *ante.*

Fin-nuqqas ta' spjegazzjoni attendibbli da parti tal-Pulizija, jirrizulta ppruvat li r-rikorrent issubixxa ferita f'ghajnejh waqt l-arrest.

**Din il-Qorti mhix daqstant konvinta bl-allegazzjonijiet l-ohra.**

Meta xehed quddiem din il-Qorti PC138 sahaq li uza forza minima mhux forza massima. Difatti din il-Qorti ma tarax kif it-tip ta' griehi rapportati mir-rikorrent jistghu jitqiesu kompatibbli mal-uzu ta' forza massima. Hadd mit-tobba prodotti ma xehed dwar il-kompatibilita' ta'dawn il-griehi ma dak rakkontat mir-rikorrent.

Hawnhekk issib diffikolta biex temmen lir-rikorrent dwar dak kollu li allegatament ghamlulu l-Pulizija. Li kieku sabbtulu rasu ripetutament mal-art, u tawh id-daqqiet bil-frekwenza u bis-sahha kif donnu ried jaghti x'jifhem, il-griehi tieghu kienu jkunu gravi mhux hfief.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax takkolji r-rakkont tar-rikorrent fl-intier tieghu. Issib ippruvat li rcieva daqqa' f'ghajnejh. Dwar l-ugieghat l-ohra  u l-grif li ilmenta minnhom, dawn huma daqstant kompatibbli mal-verzjoni tal-Pulizija dovut ghall-mod kif huwa isserra maz-zewg Pulizija u inzamm catt mal-art bil-forza sakemm immannettjawh.

**Konsiderazzjoni dwar il-grad ta' severita` tat-trattament**

Ikkonsidrat li Dr Mario Scerri ccertifika il-griehi murija fir-ritratti esebiti bhala griehi hfief. Ghalkemm ma ezaminahx personalment izda ezamina biss ir-ritratti sab li t-tbengil fuq ghajnejh kien kompatibbli ma *blunt trauma maghmula minn strument li ma jaqtax u bla ponta jew ħabta ta' ras ma' strument li ma jaqtax u bla ponta. Kellu abrażjoni fuq in-naħa ta' wara tad-dahar, tal-parti ta' fuq tad-dahar li kellha qoxra xotta li ma kinitx distakkata, allura kienet friska u kienet kompatibbli ma' girfa. Imbagħad fuq l-aspett posterjur laterali tas-sider kellu areas ta' abrażjonijiet li kellhom pattern li dawn l-abrażjonijiet kienu parallel, bi dritt xulxin, assoċjati ma' tbenġila ta' kulur ħamranija tagħti fil-vjola. Dawn kellhom pattern li kien jixbaħ qiegħ ta' żarbun jiġifieri kellu foot imprint. "*

Ghalkemm meqjusa singolarment, ebda minn dawn il-griehi ma huwa gravi bizzejjed biex jigi deskritt bhala trattament inuman u degradanti, pero` l-Qorti ghandha tikkonsidra jekk l-effett kombinat ta' l-incident kif sehh fuq il-persuna partikolari tar-rikorrent kien trattament gravi bizzejjed biex jikkwalifika bhala trattament inuman u degradanti fis-sens tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Illi aparti d-daqqa fuq ghajnejh u il-*bootprint,* u l-abrazjonijiet hfief, jirrizulta li sofra *vertigo* u *dizziness* dokumentat mit-Tabib Farrugia fil-15 ta' April 2013 li huma kompatibbli ma' daqqiet fuq ir-ras jew anke maz-zamma tar-ras mal-art bil-forza. Mix-xhieda ta' Dr Farrugia jirrizulta li r-rikorrent kellu ugiegh ma' diversi partijiet ta' gismu. Madanakollu kif gja premess, din il-Qorti ssib li mhuwiex

verosimili l-verzjoni tar-rikorrent li qala' bosta daqqiet bil-mod u manjiera kif spjegahom u johrog biss b'xi griehi hfief.

Huwa minnu li seta' jsofri anzjeta' u anke biza wara l-incident u dwar dan taccetta wkoll ix-xhieda tal-Psikjatra Dr John Borg. Dr Borg rah fid-19 ta' April 2013 u ccertifika li kien trawmatizzat minhabba li allega li kienu sawtuh il-pulizija. Ghamel distinzjoni bejn "*anxious +*" u "*anxious +++*[48]" fejn "*anxious +++*" jirreferi ghal xi hadd fi stat ta' paniku u qal :

"*Imbaghad ahna niddistingwu fil-psikjatrija bejn anzjeta' u agitation -' Anzjeta", jien qieghed hawn quddiemek, allura jien daqsxejn anzjus"*

**Qorti :** *U agitation?*

**Xhud** *Agitation....jien m'ghandix waqfien. Li ndur mal-kamra....*

***Qorti:*** *U ma kienx f'dak l-istadju?*

***XhudL*** *No . Jien ghidt 'anxiety+' specjalment meta kien qed jirrakonta l-allegat swat mill-pulizija."*

Mistoqsi biex jispjega ghalfejn zammu fil-*ward* ghal zmien pjuttost twil (sat-13 ta' Mejju 2013) wiegeb li kien inizjalment anzjus."*.....jien nikklassifikah bhala bniedem genwin; biss jien ma nistax nghid jekk sawtuhx il-pulizija jew le. "*

Qal li kien jirrizulta mill-*file* tar-rikorrent li kien gja pazjent tal-psikjatra Dr Anton Grech billi ra nota datata is-27 ta' Awwissu 2003. Qal ukoll li ghamlulu testijiet tossikologici

---

[48] Xhieda a fol 253 *a tergo*

fid-29 ta' April 2013 li rrizultaw negattivi. Dawn it-testijiet ghandhom *window* ta' 10 u 15 -il gurnata.

Qal li nzamm l-Isptar taht ordni tieghu u kien fuq *low dose treatment* ghall-anzjeta'.Din ix-xhieda ma gietx ikkontestata mill-intimat.

Ir-rikorrent inzamm taht supervizjoni ghal xi gurnata wahda biss, u skont it-tobba inzamm l-Isptar ghall-perjodu aktar prolungat minhabba li kellu storja ta' droga.

Dwar l-allegazzjoni li l-Pulizija fethulu saqajh, din il-Qorti ukoll ma sabet l-ebda prova korroboranti. Fuq dan il-punt tishaq tghid li fliet l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-kuntest tal-incident kollu, mill-bidu sal-ahhar u sabet li l-fabbrikazzjoni tad-dinamika tal-insegwiment ixxejjen radikalment il-kredibilita' tieghu dwar dak li seta' gara fl-appartament tieghu. Ghalhekk issib li ghandha diffikolta biex temmen lir-rikorrent semplicement fuq il-kelma tieghu.

Illi wara li siltet il-provi kollha prodotti, u fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna u tal-Qorti Ewropea, ma tistax tqies li t-trattament subit jilhaq dik il-grad ta' severita` kkontemplata mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**L-Vjolazzjoni Procedurali tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni**

Illi gjaladarba ma sabitx ksur tal-artikolu 3 , m'ghandhiex ghalfejn tinvesti ruha b'ezami tal-aspetti procedurali tal-imsemmi artikolu. Madanakollu akkuzi maghmula kontra ufficjali tal-Korp, anke jekk ma fl-ahhar mill-ahhar ma

jirrisultawx ippruvati, xorta jitfghu obbligu fuq l-Istat biex jinvestigahom b'mod indipendenti u effettiv.

Ir-rikorrent jissottometti li ma saritx investigazzjoni serja u l-investigazzjoni ma ngħatatx f'idejn persuna indipendenti izda thalliet f'idejn l-uffiċjal li jigi s-superjur immedjat tal-pulizija li abbużaw u kisru l-ligi. Jzid li l-ex Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit ma għarafx jiġġestixxi u jmexxi l-ilment b'saġġezza u spiċċa jgħaddi l-*e-mail* kunfidenzjali **Dok. KP1** lill-Ispettur Frank Tabone u din intweriet liberament minnu lit-tliet membri tal-*Mobile Squad*; u allura dawn setgħu bl-ikbar liberta' jippjanaw u 'ipittru' d-depożizzjonijiet tagħhom sabiex aktar ikomplu jgħakksu lil Charles Paul Muscat u jippruvaw igħattu l-aġir illegali tagħhom.

Illi fil-kaz **Nalbandyan v Armenia**[49] l-Qorti Ewropea esponiet il-principji li japplikaw ghall-investigazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' ksur tal-artikoli 3 ECHR mill-awtoritajiet tal-Istat u li dan l-artikolu, fid-dawl tal-obbligazzjonijiet assunti bl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, jimponi obbligazzjoni pozittiva li jkun hemm *"an effective official investigation (see* ***Assenov and Others,*** *cited above, § 102, and* ***Labita,*** *cited above, § 131)."*

Kompliet:

*"5. An obligation to investigate "is not an obligation of result, but of means": not every investigation should necessarily be successful or come to a conclusion which coincides with the claimant's account of events; however, it*

[49] App.Numri. 9935/06 and 23339/06.

*should in principle be capable of leading to the establishment of the facts of the case and, if the allegations prove to be true, to the identification and, if justified, punishment of those responsible. Thus, the investigation of serious allegations of ill-treatment must be thorough. That means that the authorities must always make a serious attempt to find out what happened and should not rely on hasty or ill-founded conclusions to close their investigation or as the basis of their decisions. They must take all reasonable steps available to them to secure the evidence concerning the incident including, inter alia, eyewitness testimony, forensic evidence, and so on. Any deficiency in the investigation which undermines its ability to establish the cause of injuries or the identity of the persons responsible will risk falling foul of this standard (see Mikheyev, cited above, § 108, and Virabyan v. Armenia, no. 40094/05, § 162, 2 October 2012).*

*6. Finally, the Court reiterates that for an investigation into alleged ill-treatment by State agents to be effective, it should be independent. The independence of the investigation implies not only the absence of a hierarchical or institutional connection, but also independence in practical terms (see Oğur v. Turkey [GC], no. 21594/93, § 91, ECHR 1999-III; Mehmet Emin Yüksel v. Turkey, no. 40154/98, § 37, 20 July 2004; and also Ergi v. Turkey, 28 July 1998, § 83, Reports 1998-IV, where the public prosecutor investigating the death of a girl during an alleged clash between security forces and the PKK showed a lack of independence through his heavy reliance on the information provided by the gendarmes implicated in the incident)."*

Hekk ukoll fil-kaz ta' **Assenov and Others**[50] gie ritenut, wara li enuncjat li l-artikolu 3: "*requires by implication that there should be an effective official investigation. This investigation, as with that under Article 2, should be capable of leading to the identification and punishment of those responsible (see, in relation to Article 2 of the Convention, the* ***McCann and Others v. the United Kingdom*** *judgment of 27 September 1995, Series A no. 324, p. 49, § 161, the* ***Kaya v. Turkey*** *judgment of 19 February 1998, Reports 1998-I, p. 324, § 86, and the* ***Yaşa v. Turkey*** *judgment of 2 September 1998, Reports 1998-VI, p. 2438, § 98). If this were not the case, the general legal prohibition of torture and inhuman and degrading treatment and punishment, despite its fundamental importance (see paragraph 93 above), would be ineffective in practice and it would be possible in some cases for agents of the State to abuse the rights of those within their control with virtual impunity."*

Fil-kaz in disamina, l-Avukat Tonio Azzopardi kien baghat *e-mail* lill-Kummissarju tal-Pulizija datata t-30 ta' April 2013 fejn gie dettaljat il-verzjoni tar-rikorrent ta' dak li gara f'dak il-lejl. Mix-xhieda tal-Ispettur Frank Tabone jirrizulta li rcieva l-*e-mail* tramite kanali ufficjali, ghalkemm ma giet esebita qatt il-komunikazzjoni li suppost ircieva mal-*e-mail.* Hu investiga l-kaz flimkien ma' membri tal-IAU.

Mix-xhieda tal-Ispettur Frank Tabone, mhux kontradett, jirrizulta li kkonduca l-investigazzjoni billi intervista persuni

[50] Q.E.B.D. - 28 ta' Ottubru 1998 App. Nru. 90/1997/873/1086.

involuti, ghamel *localisation* tal-*mobile* tar-rikorrent, ha l-istqarrijiet tal-Pulizija involuti, u ghamel konfronti separati bejn il-Pulizija u r-rikorrent. Sa dak il-mument qal li Charles Paul Muscat ma kienx qed jigi kkonsidrat bhala akkuzat.

Xehed :

*..."Mela bhala konkluzjonijiet ovvjament meta kien gie mitkellem Charles Paul Muscat ma kontx jien biss prezenti, kien hemm ukoll is-Supretendent Simon Galea dak iz-zmien kien is-Supretendent in charge ta' Ghawdex. Kien ukoll gie s-Supretendent Mario Spiteri llum Assistent Kummissarju, dak iz-zmien kien Supretendent; u kien hemm ukoll l-Ispettura Marisa Zammit, u dan minhabba l-fatt li l-Kummissarju hass illi l-istqarrija ta' l-imputat ahjar ikun hemm prezenti wkoll xi rapprezentant minn ta' l-Internal Affairs. U fil-fatt hekk gara, fejn kienet ittiehdet l-istqarrija ta' Charles Paul Muscat, u kienu saru wkoll xi konfronti ma' l-istess Pulizija, jigifieri ma' PC870, PC138, u kif ukoll ma' PS715; u mbaghad kien sar rapport kont hejjejtu jiena u ghaddejtu wkoll l-Internal Affairs. Konna ddiskutejna l-kaz bejnietna fejn konna wasalna ghal konkluzjoni illi Charles Paul Muscat jitressaq il-qorti u ma jittiehdux passi fil-kontront tal-Pulizija involuti."*

Illi jinghad mill-ewwel li ma jirrizultax ippruvat dak il-punt krucjali li qed jallega r-rikorrent, u cioe`, li t-tliet ufficjali tal-Pulizija gew murija l-*e-mail* sabiex ikunu jistghu jallinejaw il-verzjonijiet taghhom u jiffabrikaw akkuzi foloz kontra r-rikorrent. Dan gie michud kontinwament mill-Ispettur Tabone filwaqt li l-Pulizija ikkonfermaw li l-*e-mail* inqratilhom waqt it-tehid tal-istqarrija taghhom, izda ma

inghatawx dan id-dokument f'idejhom la qabel u lanqas waqt it-tehid tal-istqarrija taghhom. Jirrizulta mill-atti li rrilaxxjaw stqarrija separatament, fl-istess gurnata, fit-3 ta' Mejju 2013 filwaqt li Charles Paul Muscat irrilaxxja stqarrija fit-24 ta' Mejju 2013.

Illi aparti dan, ir-rikorrent jilmenta li kien zvantaggjat meta sar il-konfront billi sab ruhu rinfaccjat mhux biss mill-ufficjali investigattivi imma mit-tliet Pulizija li kien qieghed jakkuza ta' abbuz.

Illi l-konfront huwa mezz idoneju li jghin fil-process ta' gbir tal-provi. L-Ispettur Tabone xehed li r-rikorrent kien meqjus ghadu bhala vittma meta sar il-konfront, izda dan ma hux ta' konfort ghal din il-Qorti. Il-presenza preponderanti tal-pulizija, inkluzi t-tlieta li kienu fil-mira tal-ilment tar-rikorrent ma tirrasigurax lill-vittmi ta' swat kommess minn xi membru tal-korp li l-ilment taghhom ser jigi investigat b'mod imparzjali u indipendenti. Anzi pjuttost taghti s-sembjanza ta' "*a closing of ranks*" u tista' titiqes bhala azzjoni intimidatorja li timmilita kontra r-ricerka tal-verita` li ghandha tkun il-mira tal-investigazzjoni. *Di piu'*. il-fatt li l-Avukat tar-rikorrent ma thallhiex jidhol ikompli jhalli lil vittma f'posizzjoni wisq dghajfa, kontra l-iskjeriment ta' dawk l-ufficjali kollha.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-insegwiment, l-Ispettur Tabone ghamel verifiki ampji u fittex provi ohra, ad ezempju, il-*localisation* tal-*mobile*, u gie mitkellem Edward Mercieca. L-Ispettur Tabone xehed li kemm fid-data tar-rapport u sal-lum il-gurnata hu emmen lill-Pulizija u b'hekk wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-Ispettur Tabone ikkonduca investigazzjoni wiesgha dwar l-akkadut, billi gabar xhieda u provi forensici li ggustifikaw it-tehid ta' proceduri kontra Charles Paul Muscat.

Dwar l-akkuzi ta' swat jidher li l-investigazzjoni tal-IAU ma pprogreditx billi mill-*file* esebit in atti jirrizulta li kull ma gara kien li gie ddokkumentat il-progress f'din il-kawza. F'dan il-kaz, anke tenut l-allegazzjonijiet kollha li saru mir-rikorrent, kien ikun ghaqli li l-ufficjali investigattivi ma strahux biss fuq dak li rrakkontaw il-pulizija imma fuq investigazzjoni iktar wiesa' li tikkomprendi t-testimonjanzi medici u forensici.

Illi ghalkemm il-konkluzjoni milhuqa minn din il-Qorti tezonera lill-intimat fir-rigward tal-aspett sostantiv tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, kif ribadit, l-investigazzjoni tal-Pulizija fl-operat taghhom stess ghandha ssir skont l-i*standards* misthoqqa.

Illi hija tal-fehma li l-metodu adoperat ghall-konfront bejn ir-rikorrent, mhux assistit, u t-tliet pulizija fil-presenza ta' preponderanza ta' Ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll it-tmexxija tal-investigazzjoni mill-ufficjali investigattivi mid-Distrett t'Ghawdex, li huma parti mill-gerarkija ufficjali li tikkomprendi l-pulizija akkuzati, ma jissoddisfax il-kriterji tal-imparzjalita' u efficjenza imposti fuq l-Istat.

Fil-kaz odjern gie sottomess li r-rikorrent ma ressaqx *challenge* fit-termini tal-**artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.** Izda l-Istat m'ghandux jistrieh fuq il-vittma biex imexxi l-investigazzjoni u biex ikun hemm gudizzju

indipendenti fuq kazijiet simili. Jinkombi fuq l-Istat li jwettaq investigazzjoni indipendenti u effettiva f'kull allegazzjoni ta' reat li seta' gie kommess minn xi membru tal-Korp tal-Pulizija u f'kaz li jigi ppruvat li seta' kien hemm xi verita` fl-akkuzi, jressaq lill-individwi kkoncernati ghall-gudizzju tal-Qorti.

Ghaldaqstant ghal dak li jirrigwarda l-procedura tal-konfront, u l-fatt li l-investigazzjoni fl-allegazzjoni ta' swat tmexxiet minn ufficjali tal-istess Korp li huma parti mill-gerarkija istituzzjonali tal-Pulizija, ssib li l-intimat naqas mill-obbligi procedurali inkombenti fuqu skont l-artkolu 3 tal-Konvenzjoni billi l-metodu u l-procedura adoperata ghall-investigazzjoni fl-allegati maltrattamenti da parti tar-rikorrent ma kienux la indipendenti u lanqas efficjenti ghar-ricerka tal-verita`.

Tishaq tghid li taqbel mal-konkluzjoni finali tal-investigazzjoni. Charles Paul Muscat kien hu li ffabbrika akkuzi kontra t-tlett pulizija u ghalhekk l-Ispettur Tabone kien gustifikat li ma jemmnux. Madanakollu l-metodu adoperat mhuwiex wiehed li jista' jserrah il-mohh li jista' jikkonduci ghar-rizultat b'mod indipendenti .

**It-Tieni Talba - Lezjoni tad-Dritt ghall-Harsien mill-arrest u detenzjoni arbitrarja.**

Illi r-rikorrent qieghed jallega li l-arrest tieghu kien wiehed illegali u dan bi ksur ghall-**Artikolu 5(1) ta l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem**. Illi fin-nota tieghu r-rikorrent ssottometta li in kwantu l-għan tal-arrest ma kienx wieħed leġittimu iżda kellu motiv ulterjuri, u in kwantu l-

proċedura użata għall-arrest kienet teċċedi l-limiti tal-proporzjonalita' meta ntużaw *revolvers* ikkargati u *torches* biex jgħamuh, u, fuq kollox, il-vjolenza mhux meħtieġa, m'ghandu jhalli l-ebda dubju li l-arrest imwettaq mit-tliet pulizija tal-*Mobile Squad* ma kienx jissodisfa r-rekwiziti ta' "*lawful*"  u "*in accordance with procedure prescribed by law.*"

L-intimat issottometta li l-azzjoni li hadu l-pulizija sabiex jarrestaw lir-rikorrent kienet pjenament gustifikata proprju minhabba r-rezistenza ghall-arrest tar-rikorrenti u inoltre li l-ksur tal-kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest huwa reat fih innifsu fit-termini tal-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[51] Il-pulizija kellhom is-suspetti ragjonevoli taghhom galadarba Charles Paul Muscat kien maghruf maghhom fuq reati konnessi ma' droga u iktar u iktar meta dak il-lejl gewwa f`Marsalforn rawh hdejn certu Leli l-Malti, persunagg iehor maghruf mal-pulizija.

**L-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**) jiddisponi:

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' u għas-sigurta' tal-persuna.  Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*

---

[51] Hekk jiddisponi **l-artikolu 579(2)** u (3) : "*Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*
*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna il-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta jaghti l-poter lil pulizija li tagixxi minnufih biex tarresta persuna u/jew issir tfittxija u tidhol f`post ta` abitazzjoni.*"

*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;"*

Dan l-artikolu, kif imfisser mill-Qorti Ewropea: *"enshrines a fundamental human right, namely the protection of the individual against arbitrary interference by the State with his or her right to liberty. The text of Article 5 makes it clear that the guarantees it contains apply to "everyone" (see* ***Nada v. Switzerland*** *[GC], no. 10593/08, § 224, ECHR 2012). Sub-paragraphs (a) to (f) of Article 5 § 1 contain an exhaustive list of permissible grounds on which persons may be deprived of their liberty and no deprivation of liberty will be lawful unless it falls within one of those grounds (see Saadi v. the United Kingdom [GC], no. 13229/03, § 43, ECHR 2008)."*

Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warwick**[52] *"....the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court*[53] *and the individual must be protected from arbitrariness."*

Ikkonsidrat li l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[54]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun

[52] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed. pp 301)
[53] Referenza ghall-Qorti Ewropea
[54] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224

wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skont "*il-proċedura preskritta bil-liġi*". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*"[55] u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[56]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[57].

Dwar it-test tal-legalita' dan hu marbut mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik.

Ikkonsidrat li l-**artikolu 355X tal-Kap 9** jaghti poter lill-pulizija li jarrestaw persuna u jidhlu f`dar ta` abitazzjoni testwalment:

***"355X**. (1) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jarresta mingħajr mandat lil persuna li tkun fl-att ta' għemil jew li tkun għadha kemm għamlet delitt punibbli bi priġunerija, jew li jkollu suspett raġonevoli fiha li qegħda biex tagħmel jew li tkun għadha kif għamlet xi delitt.*
*- omissis -*

---

[55] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), § 9.4.1, pġ. 463
[56] *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f'pġ 481
[57] Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25

*(3) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' wkoll jgħaddi biex jarresta lil xi persuna li xjentement, jew wara twissija xierqa, tostakolah jew ittellfu fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, jew ma tobdix l-ordnijiet leġittimi tiegħu.*
*(4) Is-setgħat imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) għandhom ikunu biss ezerċitati sakemm ikunu għal kollox meħtieġa għall-uffiċjal tal-Pulizija biex jieħu l-persuna arrestata f'Għassa tal-Pulizija u jikkonsenjaha lil uffiċjal superjuri mhux anqas mill-grad ta' surġent."*

Kif intqal fil-ktieb "***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights***" ta' Van Dijk et. (4th Edition, 2006 pagna 473): "*Article 5(1)(c) requires only that there be a 'reasonable suspicion'. At the moment the arrest is made it need not yet be firmly established that an offence has actually been committed or what the precise nature of that offence is. The object of questioning during detention under subparagraph (c) is to further the investigation by way of confirming or dispelling the reason for arrest.* "

Inoltre gie ritenut fil-kaz **O'Hara v. U.K.,** (Q.E.D.B.deciza fis-16 ta' Ottubru, 2001):

"*36. It may also be observed that the standard imposed by Article 5 § 1 (c) does not presuppose that the police have sufficient evidence to bring charges at the time of arrest. The object of questioning during detention under sub-paragraph (c) of Article 5 § 1 is to further the criminal investigation by way of confirming or dispelling the concrete suspicion grounding the arrest. Thus facts which raise a suspicion need not be of the same level as those*

*necessary to justify a conviction, or even the bringing of a charge which comes at the next stage of process of criminal investigation (see* ***Brogan and Others v. The United Kingdom****, judgement of 29 November 1988, Series A No 145-B, p 29 § 53, and* ***Murray v. The United Kingdom****, judgement of 28 October 1994, Series A No 300-A, p 27, §55).”*

Illi kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet ***“Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”*** deciz fil-5 ta' April 1991, it-test li ghandu jigi applikat biex jigi deciz jekk l-ufficjal kellu suspett ragjonevoli *o meno*, m’ghandux ikun dak oggettiv izda dak soggettiv - kif kienet tidher is-sitwazzjoni f’hin u post partikolari lill-ufficjal tal-pulizija ragonevoli u mhux il-kriterju ta’ kif kienet tidher is-sitwazzjoni li bniedem ragonevoli li jhares mill-boghod *u ex post facto* lejn il-fatti kollha li verament ezistew. Il-Qorti ccitat mill-kaz **Hicks v Faulkner (**1878) 8 Q.B.D. f'pagna 173) :

"*The question of reasonable and probable cause depends in all cases not upon the actual existence, but upon the reasonable bona fide belief in the existence of such a state of things as would amount to a justification of the course pursued."*

Il-Qorti ssib li fil-kaz odjern, l-arrest kien konformi mat-test tal-legalita'. Mix-xhieda migbura jirrizulta li t-tliet Pulizija kienu ffukati fuq il-ksur tal-kondizzjoni ta' rinkazar meta bdew l-insegwiment. Wara li r-rikorrent ma waqafx, u sahansitra beda jsuq b'velocita` u b'manjiera perikoluza, ssib li s-suspetti tal-Pulizija li seta' kellu xi sustanzi illeciti

fuqu kienet wahda ragjonevoli fic-cirkostanzi u sostnuta mid-disposizzjonijiet tal-Ligi fuq citati.

Rigward it-test tal-arbitrarjeta' gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz ***James, Wells and Lee v. the United Kingdom*** [58] *inter alia :*

*"7. First, detention will be “arbitrary” where, despite complying with the letter of national law, there has been an element of bad faith or deception on the part of the authorities (see Saadi, cited above, § 69). Thus, by way of example, the Court has found violations of Article 5 § 1 in cases where the authorities resorted to dishonesty or subterfuge in bringing an applicant into custody to effect his subsequent extradition or deportation (see Bozano v. France, 18 December 1986, §§ 59-60; and Series A no. 111; Čonka v. Belgium, no. 51564/99, § 40-42, ECHR 2002-I)."*

Ir-rikorrent jistrieh fuq is-suppozizzjoni li t-tliet pulizija wettqu kongura kontrih billi ma kienx minnu li kiser il-kondizzjoni tar-rinkasar. Din il-Qorti gja kkonkludiet li dan ma kienx il-kaz u, anzi, emmnet lit-tliet pulizija ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Ghaldaqstant ma jirrizultax li kien hemm *mala fede* da parti taghhom ghal dak li jirrigwarda l-irruzzjoni fid-dar tar-rikorrent u l-arrest tieghu.

Ghaldaqstant ma ssibx lezjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi.

[58] Dec fit-18 ta' Settembru 2002.

**It-Tielet u r-Raba' Talbiet - Id-Dritt ghall-Intimita` tad-Dar u d-dritt ghall-Hajja Privata - Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.**

**L-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jipprovdi:

*"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjeta' tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu."*

*2) Ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skont l-awtorita' ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment -*
*(a) omissis*
*(b) omissis*
*(c) omissis*
*(d) li jawtorizza, għall-fini ta' esekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti, it-tfittix ta' xi persuna jew proprjeta' b'ordni ta' qorti jew dħul f'xi post b'ordni bħal dak, jew li jkun meħtieġ sabiex jiġu evitati jew mikxufa reati kriminali,*

*u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorita' tiegħu, hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjeta' demokratika."*

**L-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea** jiddisponi:

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn* ***awtorita'*** *pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Illi r-rikorrent issottometta li *"Fil-każ preżenti, ma kien hemm l-ebda ordni ta' xi qorti, u t-tfittxija li saret fl-appartament kollu tar-rikorrent ma kienet awtorizzata minn ħadd. Kien hemm preżenti Surġent fosthom dawn it-tlieta, izda dan ma jidhirx li kien ta' stoffa differenti minn PC Joseph Portelli. Barra minn hekk, minkejja l-fairytales li rrakkontaw, l-aġir illegali tagħhom ma ġiex ippruvat li kien verament motivat mill-ħtieġa "sabiex jiġu evitati jew mikxufa reati kriminali". L-intenzjonijiet kienu ta' xort'ohra. Dan huwa indubbjament każ orribbli."* Jissottometti wkoll li dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw fil-każ tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Illi l-intimat ittratta dan l-ilment flimkien mar-raba' talba li tirrigwarda l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

L-intimat irribatta li d-dritt tal-privatezza kif imhares b'dawn iz-zewg artikoli mhuwiex wiehed assolut izda huwa suggett ghal certu limitazzjonijiet meta jkunu jezistu cirkostanzi li jkunu meqjusa bhala gustifikabbli u ragonevoli f'socjeta' demokratika, liema cirkostanzi, jezistu f'dan il-kaz. Jghid li d-dhul fid-dar tar-rikorrenti saret skont il-ligi f`sitwazzjoni fejn il-pulizija bdew ihabbtu ripetutament mal-bieb tal-blokk ta` appartamenti u hadd ma fethilhom. F`cirkostanzi bhal dawk jiskattaw l-artikoli tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta li

jaghtu s-setgha lil pulizija tidhol f`dar/post/bini biex tarresta u taghmel tfittxija cioe`:

*"**355K.** Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jidħol u jfittex mingħajr mandat kull post, dar, bini jew reċint fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 355E(1)(a) sa (e)."*

*"**355L.** (1) Il-Pulizija għandha s-setgħa li tidħol u tfittex f'kull post, dar, bini jew reċint użat, okkupat jew kontrollat, ukoll jekk għal xi żmien, minn persuna li tkun taħt arrest, jekk ikollhom għaliex ragonevolment jissuspettaw li hemm provi, minbarra oġġetti li jaqgħu taħt il-privileġġ legali, li għandhom x'jaqsmu mar-reat jew ma' reat li għandu x'jaqsam miegħu, u dik it-tfittxija għandha tkun limitata għal dak li hu raġonevolment meħtieġ biex jinstabu dawk il-provi:"*

*"**355M.** (1) Is-setgħat imsemmija fl-artikolu 355L jistgħu jiġu ezerċitati minn uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux anqas minn dak ta' spettur jew minn uffiċjali ta' grad inqas jekk dawn ikunu hekk awtorizzati bil-miktub minn uffiċjal mhux taħt il-grad ta' spettur.*

*(2) Meta l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post ikunu kollha taħt il-grad ta' spettur u l-każ ma jkunx jista' jiddewwem, u l-persuna li tokkupa jew tikkontrolla l-post tkun preżenti u l-preżenza tagħha tkun meħtieġa għall-investigazzjoni effettiva tar-reat, dawk l-uffiċjali tal-Pulizija jistgħu jgħaddu għal biex jidħlu u jagħmlu perkwiżizzjoni tal-post mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub imsemmija fis-subartikolu (1)."*

Illi l-Qorti taqbel mat-tezi tal-intimat li fic-cirkostanzi d-dhul fid-dar tar-rikorret u t-tfittxija kienu gustifikati. Taghmel riferenza ghar-ragunament taghha spjegat fid-dettall *supra* u ssib li ma kienx hemm lezjoni tal-**artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.**

**Il-Hames u s-Sitt Talbiet** - **Id-Dritt ghall-protezzjoni tal-Ligi u d-dritt ghad-dinjita` tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni).**

Ir-rikorrent jispjega fin-nota li ghalkemm dawn id-drittijiet mhumiex enforzabbli, m'ghandu jkun hemm xejn li jipprekludi li tingħata dikjarazzjoni mill-Qorti illi dawn iz-zewg jeddijiet imsemmija espressament fil-Kapitolu IV ġew ukoll leżi.

L-intimat issottometta korrettement, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-**Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni** huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali *per se* u dan peress illi l-artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenuti fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-Artikoli 46 (1) tal-Kostituzzjoni. Fil-kawza bl-ismijiet "**Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et"** (PA 13 ta' Gunju, 2011), gie ribadit li "*l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikolu 32 mhux inkluz f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat."*

Il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-intimat. Id-dritt ghall-protezzjoni tal-Ligi u ghad-dinjita` tal-persuna huma mfissra u protetti fid-drittijiet sostantivi li huma enforzabbli u li whud minnhom gew invokati fil-kawza odjerna u huwa dwar dawn id-drittijiet li din il-Qorti ser tippronunzja ruhha. Ghaldaqstant dawn it-talbiet ser jigu michuda.

**Is-Seba' Talba - Id-Dritt ghas-smigh Xieraq.**

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent jorbot din it-talba mal-allegazzjoni li l-akkuzi kontrih gew fabbrikati u billi x-xhieda moghtija kontrih hija montatura - allegazzjoni li ma tirrizultax ippruvata ghal din il-Qorti. Ghall-kuntarju, jirrizulta minghajr l-icken dubbju li r-rikorrent iffabbrika hu rakkont shih biex jahbi ghemiltu. Mhux biss, imma kaxkar lill-huh Roderick u lil habiba tieghu Sonia Vella fil-vicenda, u involvihom fit-tahwid tieghu b'konsegwenzi serjissimi ghal Sonia Vella.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, r-rikorrent jaghzel li ma jelaborax fuq dak premess fir-rikors promotur, u minflok iggustifika l-ilment tieghu billi jghid li ma nghatax l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tieghu.

Billi dan il-punt tqajjem biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrent u la gie premess fir-rikors promotur, u lanqas ma gie dibattut b'konnessjoni ma' dan l-artikolu waqt il-kawza, din il-Qorti mhix ser tikkonsidraha.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess issib ukoll li ma kienx hemm lezjoni ta' dan l-artikolu Konvenzjonali.

**It-Tmien Talba – Id-Dritt ghall-Harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art.17 tal-Kap 319).**

L-**Artikolu 17** jiddisponi:

*"Ebda ħaġa li hemm f'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li tidħol f'xi attivita' jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni*."

Fin-nota tieghu r-rikorrent jissottometti :

"*Fil-verita`, iżda, mill-Artikolu 17, bħal artikoli oħra tal-Konvenzjoni, titnissel 'positive obligation' wiesgħa fuq l-Istat li ma jippermettix aġir mill-agenti ta' l-Istat li joħnoq it-tgawdija tad-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni. L-obbligazzjoni pożittiva mnissla minn dan l-artikolu tal-Konvenzjoni toffri "ħarsien minn abbuz ta' poter u qirda tad-drittijiet tal-bniedem". Fil-każ odjern, l-operat shih tal-Korp tal-Pulizija, (i) ibda mill-operat korrott tal-pulizija involuti, (ii) ta' l-Ispettur responsabbli għall-imġieba tagħhom, (iii) tas-Suprintendent dgħajjef li baqa' passiv meta kien rinfaċċjat b'abbuż ta' poter mis-subalterni tiegħu, (iv) taż-żewġ ufficjali gholja tal-Internal Affairs Unit tal-Pulizija li ma għarfux u ma jafux ir-rwol tagħhom, u, fuq kollox, (v) il-laid back attitude adottata mill-Kummissarju tal-Pulizija nnifsu, ma jħalli l-ebda dubju illi l-Korp tal-Pulizija ivvjola l-*

*obbligazzjoni pożittiva tal-"ħarsien minn abbuż ta' poter u qirda tad-drittijiet tal-bniedem".*

Illi r-rikorrent qed jinduci lill-Qorti li temmen li kien hemm abdikazzjoni sistemika tad-dmirijiet kollettivi tal-Pulizija fil-kaz partikolari tieghu. Din il-Qorti ma sabitx li kien hemm tali kongura u ssib li din is-sottomissjoni hija esagerata u minghajr l-ebda bazi fir-realta' ta' dak li sehh f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant din it-talba hija wkoll michuda.

**RIMEDJU**

Illi din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel talba limitatament ghall-aspett procedurali tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz hija tal-fehma li dikjarazzjoni ta' ksur fil-limiti spjegati f'din is-sentenza huwa rimedju sufficijenti *stante* li mhuwiex ekwu u wisq inqas gust li r-rikorrent jircievi xi kumpens mill-Istat meta kien hu li ttenta jirragira l-organi gudizzjarji b'fabbrikazzjonijiet u b'xhieda falza.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Intimat salv ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-obbligazzjonijet procedurali intizi fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**Tilqa' biss l-ewwel talba tar-rikorrent u ssib li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni limitatament ghall-obligazzjonijiet procedurali imposti fuq l-Istat bl-artikolu imsemmi kif spjegat f'din is-sentenza.**

Konsegwentement tichad ir-rimanenti talbiet in kwantu li ssib li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

Tqies li d-dikjarazzjoni tal-lezjoni tal-artikolu 3 fis-sens precitat huwa rimedju bizzejjed.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent kwantu ghall 7/8 filwaqt li 1/8 jigi sopportat mill-Intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2018**